# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum, 24 ta' Ottubru 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 228/2018 JPG**

**Kawza Nru.: 16**

**GA**

**Vs**

**MA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' GA datat 31 ta' Awwissu 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija hamsa u tmenin (1985) (Ara certifikat taz-zwieg aness bhala Dok AG1).*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tlett itfal MHA li twieled F'X, AMA li twieldet f'Y, u AA li twieled f'Z, it-tnejn il-kbar jahdmu iz-zghir ghadu qieghed jistudja;*

3. *Illi l-konventa rrendiet l-hajja matrimonjali ta' bejn l-partijiet impossibbli, permezz ta' sevizzi, mohqrija u theddid u ngurji ohra fil-konfront tal-istess attur u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

4. *Illi minhabba f'dan iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess konvenuta;*

5. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz ta'*

*digriet moghti minn din l-wisq Onorabbli Qorti (Digriet tal-awtorizazzjoni anness u mmarkat Dok GA2);*

6. *Illi l-konvenuta qatt ma setghet tapprezza x'igifieri tghix hajja ta' mara mizzewga, u ghalkemm l-esponenti ghamel minn kollox sabiex jghix hajja felici, u pprova jagevola lil-konvenuta b'kull mezz possibbli, l-intimata dejjem irrifjutat li tghix hajja ta' mara mizzewga kif titlob il-ligi u kif inhu mistenni izda ssoggettat lill-esponenti ghal sensiela ta' sevizzi, eccessi, tghajjir u akkuzi infondati u kattivi li wasslu sabiex tkun intavolata din il-kawza;*

7. *Illi l-esponenti illum huwa pensjonant u ragel li dejjem hadem ghall-familja u pprovda ghall kulhadd filwaqt li kien izomm lill-konvneuta tghix komda, filwaqt li hi kienet tahdem bil-banka tal-lottu u qattt ma tat sehemha ghall-familja, izda minflok serqet diversi flejjes mill-komunjoni ta' bejn il-partijiet;*

*Tghid ghalhekk il-konvenuta l-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni mehiega u opportuna u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta kif fuq spjegat u tawtorizza l-attur sabiex jghix separatament minn mal-konvenuta;*

2. *Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment ghall-esponenti li ghandu jkun pagabbli mill-konvenuta lill-attur filwaqt li tordna u tikkundanna lill-stess konvenuta sabiex thallas lill-attur dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh taghha mill-impjieg jew xoghol li hija ghandha/jista' jkollha jew bi standing order u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja.*

3. *Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-attur;*

4. *Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-kommunikazzjoni*

*li tilfet kull dritt li tiret lil-attur.*

5. *Ixxolji u tillikwida l-proprjeta komuni li hemm ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-konvenuta hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-attur u porzjoni lill-konvenuta u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

6. *Tikkundana lill-konvenuta sabiex tirrestitwixxi lill-attur l-beni kollha dotali u/jew parafernal tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-konvenuta taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-attur dik is-ssomma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.*

7. *Tiddikjara illi l-fond ossia d-dar matrimonjali li ggib l-inidirizz 'L-Irdoss, numru tnejn u erbghin (42), Triq is-Salvja, Iz-Zonqor Marsascala hija proprjeta parafernali tar-ragel;*

8. *Tordna lill-mara sabiex tizgombra minn gewwa tali fond u tawtorizza lill-esponenti sabiex jghix wahdu fl-imsemmi fond u cioe' 'L-Irdoss, numru tnejn u erbghin (42), Triq is-Salvja, Iz-Zonqor Marsascala';*

9. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblija l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;*

10. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn l-partijiet fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985);*

11. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku.*

12. *Tawtorizza lill-attur sabiex jirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-medjazzjoni ghal dan ir-rikors, kontra l-konvenuta li hi minn issa*

*ingunta ghas-subbizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' MA datata 25 t' Ottubru 2018, vid fol 48 li taqra hekk:

*Tecepixxi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:*

a. *It-talbiet ta' l-attur huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u il-pretensjonijiet ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-istess attur;*

b. *L-ewwel talba ghandha tigi milqugha b'dan pero' li din l-Onorabbli Qorti ghandha tattribwixxi l-htija ghat-tkissir taz-zwieg lill-attur GA ;*

c. *It-tieni talba ghandha tigi michuda imma din l-Onorabbli Qorti ghandha tillikwida ammont adegwat ta' manteniment ghall-esponenti li ghandu jkun pagabbli mill-attur lill-esponenti filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess attur sabiex ihallas lil esponenti dik ir-retta alimenrarja hekk likwidata u tipprovdi ghall-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti iz-zieda fil-gholi tal-hajja;*

d. *It-tielet talba ghandha tigi michuda imma din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara li l-attur iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperceipixxi manteniment minghand l-esponenti;*

e. *Ir-raba' talba ghandha tigi michuda. Mill-permessi tal-attur kif ukoll kif ser jigi ipprovat waqt is-smiegh ta' din il-kawza, ma jirrizultax li hemm lok li tigi ppronunzjata d-dekadenza komminata fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili fil-konfront tal-esponenti mara. Ghalhekk ma ghandhomx jigu applikat artikolu 51 fil-konfront tal-mara esponenti. Inoltre artikolu 49 u 50 ilhom li gew revokati mill-1993 u ghalhekk huma inapplikabbli. Kuntrarjament ghal dan l-esponenti MA titlob lil din l-Onorabbli Qorti, fuq il-fatti hekk ipprovati waqt is-smiegh u t-trattazzjoni, issib li dan mhux biss ma jirrikorrux da parti tal-eccipjenti, izda semmai jirrikoru biss da parti ta' l-attur li qieghed kappriccozament jagixxi bil-*

*proceduri odjerni u artikolu 48,51 u 52 tal-Kodici Civili ghandhom jigu applikati fil-konfront tieghu;*

f. *Il-hames talba ta' l-attur ghandha tintlaqa parzjalment, fis-sens li din l-Qorti ghandha taqsam il-kommunjoni f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attur huwa unikament hati ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-attur u porzjoni lill-konvenuta;*

g. *Is-sitt talba ghandha tigi michuda, imma minflok tikkundanna lil attur jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni kollha dotali u/jew parafernali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas ta' dan tikkundannah ihallas somma hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentati l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti;*

h. *Is-seba' talba tigi michuda, imma ghar-ragunijiet li ser johorgu waqt it-trattazjoni ta' din il-kawza tiddikjara li d-dar matrimonjali ma hijiex propjeta' parafernali biss tar-ragel imma tappartjeni liz-zewg partijiet;*

i. *It-tmien talba sabiex il-mara tizgombra minn gewwa d-dar matrimonjali ghandha tigi michuda, imma minflok tordna li huwa ghandu jkun zgumbrat mid-dar matrimonjali;*

j. *It-talba ghal-hall taz-zwieg ghandha tincahad u dana peress illi l-elementi necessarji sabiex dan iz-zwieg jinhall, kif hekk indikati f'Artikolu 66B tal-Kodici Civili ghandhom mhux realizzati. B'mod partikolari l-attur qed jirrifjuta li jhallas manteniment adegwat lil martu u lil ibnu;*

k. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi l-esponenti MA   tiddikjara li hi taf bil-fatti hawn esposti personalment:*

1. *Illi hija taqbel mal-kontenut tal-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat tal-attur fejn jinghad li l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Gunju 1985;*

2. *Illi hija taqbel mal-kontenut tat-tieni paragrafu tar-rikors guramentat tal-attur fejn jinghad li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, bid-differenza li d-data tat-twelid ta' AMA hija Y u d-data tat-twelid ta' AA hija Z;*

3. *Illi t-tielet paragrafu huwa biss parzjalment korrett: filwaqt li huwa minnu li l-hajja matrimonjali bejn l-partijiet giet reza impossibli minhabba sevizzi, mohqrija,theddid u ngurji ohra, dawn saru mill-attur fuq l-esponenti MA u mhux kif jghid l-attur GA .* ***Fil-fatt dawn kienu parti mir-raguni 'l ghaliex l-esponenti ma kellhiex triq ohra ghajr li tirrikorri ghall-medjazzjoni.*** *Inoltre' l-esponenti tichad illi hija b'xi mod jew xi darba kienet hatja ta' mohqrija, sevizzi, ingurji jew xi ragunijiet ohra;*

4. *Illi l-istess jinghad ghar-raba' paragrafu: iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, imma dan b'tort uniku tal-attur GA ;*

5. *Illi hija taqbel mal-kontenut tal-hames paragrafu tar-rikors guramentat tal-attur fejn jinghad li l-partijiet jistghu jipprocedu b'kawza ghal separazzjoni;*

6. *Illi rigward is-sitt paragrafu mhux minnu li l-esponenti MA ma apprezzatx il-hajja mizzewga. Kuntrajament ghal dan kien l-intimat illi ma baqaghx jikkontribwixxi ghall-familja, u permezz ta' tghajjir, insulti, kliem iebes u fastidju irrenda l-hajja mizzewga impossibli. Dan kollu jista' ikun ipprovat waqt it-trattazjoni ta' din il-kawza;*

7. *Illi huwa minnu li l-attur huwa pensjonant kif inhu indikat fis-seba' paragrafu izda fl-istess waqt huwa wkoll self-employed full-time. B'hekk huwa ghandu introit ferm akbar minn dak tal- esponenti u mhux qieghed jipprovdi b'mod adekwat ghat-trobbija ta' ibnu il-minuri AA, filwaqt li qieghed ihalli lil esponenti martu u lil ibnu AA fi stat ta' faqar;*

Rat il-kontro-talba ta' MA datata 25 t' Ottubru 2018, vid 51 et seq. li taqra hekk:

*Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma li taf il-fatti personalment:*

*1.Il-partijiet izzewgu fit-8 ta' Gunju 1985 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal MHA (X), AMA (Y) u AA (Z);*

*2.Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimdjabbilment u dan minhabba nuqqasijiet gravi imputtabbli lill-attur rikonvenut, li huwa hati fil-konfront tal-konvenuta esponenti kif ser jigi ppruvat dettaljament waqt it-trattazjoni tal-kawza;*

*3.Illi l-konvenuta esponenti ma kellhiex triq ohra ghajr li tipprocedi ghal separazzjoni bonarja u dan l-ghaliex, l-attur rikonvenut qed jirrendi l-hajja ghaliha u ghal binhom AA (li ghad ghandu l-eta' tenera ta' hmistax –il sena) difficli u dan minhabba tghajjir, insulti u bosta atti diversi li jammontaw ghal-fastidju;*

*Jghid ghalhekk l-attur rikonvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputtabli unikament ghal attur rikonvenut u tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom;*

2. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri AA, lill-konvenuta rikonvenjenti u tordna lill-attur rikonvenut sabiex jikkontribwixxi ghall-manteniment u ghalhekk tigi iffissata retta alimentarja mensili li l-attur rikonvenut ghandu jigi ordnat li jhallas lil konvenut rikonvenjenti;*

3. *Tiddikjara li l-attur naqas milli jmanti adekwatament lil ibnu AA minn Ottubru tas-sena 2017 u tordna li l-figura ordnata minn din l-Onorabbli Qorti hija hekk dovuta sabiex tithallas minn Ottubru sal-jum tal-gudizzju u ghalhekk tordnalu illi jhallas tali somma ghall-arretrati fil-manteniment;*

4. *Tordna li l-konvenuta rikonvenjenti flimkien mal-minuri AA jghixu fid-dar matrimonjali, cioe' 42, l-Irdoss, Triq is-Salvja Marsascala u dan ad eskluzjoni tal-istess attur rikonvenut;*

5. *Tillikwida l-kommunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja lil kull wahda mill-partijiet il-parti spettanti lilha mill-istess kommunjoni ta' l-akkwisti u dan okkorrendo bl-opera ta' perit/I nominandi sabiex jillikwidaw l-istess komunjoni ta' l-akkwisti;*

6. *Tapplika kontra l-attur rikonvenut intermanet jew in parti d-dipozizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 et. seq. tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjez u bir-rizerva ta' kull dritt u azzjoni skont il-Ligi;*

*Bis-subbizzjoni tal-attur rikonvenut li minn issa jinsab ingunt.*

Rat ir-risposta maħlufa datata 23 ta' Novembru 2018 ta' GA (ID 114854M) għall-kontro talba tal-konvenuta rikonvenzjonata;

1. *Dwar l-ewwel talba – din għandha tintlaqa pero b'dana li l-konvenuta rikonvenzjonata għandha tinzamm responsabbli għat-tkissir taz-zwieg u dana kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

2. *Dwar it-tieni talba– din għandha tiġi miċħudha peress li ma jezistux l-estremi fil-liġi sabiex l-esponenti jiġi svestit mill-kura u kustodja tal-minuri; Illi oltre hemm it-talba għal manteniment din diġa sorvolata permezz ta' digriet li ngħata minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-tlieta (3) ta' Lulju 2018 fl-atti tal-Ittra Nru 166/18GG fl-ismijiet inversi;*

3. *Dwar it-tielet talba – din għandha tiġi miċħduha għax hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress li ma hemm l-ebda arretrati dovuti. L-esponenti dejjem provda għall familja saħansitra għall martu u dana kif ser jiġi ppruvat fil-kawza; fil-fatt martu għandha somma li għaddielha l-esponenti fil-pussess tagħha fost flejjes oħra u anki tiġġestixxi banka tal-lottu li ġiet għand il-partijiet bis-saħħa tal-esponenti u l-għaqal u l-bzulija tiegħu;*

4. *Dwar ir-raba talba - għandha tiġi miċħduha – il-fond matrimonjali huwa parafernali tal-esponenti, ma tezisti ebda cirkostanza li tista twassal sabiex l-esponenti jigi eskluz milli jabita fid-dar, oltre hekk din it-talba hija impustata legalment hazin, ma hemm l-ebda talba għall zgumbrament u għalhekk għandha f'dan is-sens ukoll tiġi miċħudha u ma treġix;*

5. *Dwar il-ħames talba - l-esponenti jaqbel ma din it-talba kif diġa dedotta fir-rikors maħluf tiegħu;*

6. *Is-sitt talba – din għandha tiġi applikata kontra l-konvenuta rikonvenzjonata u mhux kontra l-esponenti;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ngunata in subizzjoni*

**Ikkonsidrat:**

***Alison Mifsud Brimmer in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc., xehdet nhar il-25 ta' Marzu 2019, (vide fol 141 et seq)*** u spjegat illi mir-ricerka li saret irrizultaw sensiela ta' kontijiet f'isem l-attur liema kontijiet infethu bejn is-sena 2010 u 2017 (vide doks AMB1-AMB12). Illi f'isem l-intimata rrizultaw ukoll numru ta' kontijiet liema kontijiet infethu bejn is-sena 2008-2016. (vide doks ABX 1-ABX 4). Illi rrizultaw ukoll kontijiet kongunti bejn il-partijiet li jirrisalu ghas-sena 1992 sa 2015. (Vide doks ABJ1-ABJ 5)

***Joanna Bartoli in rapprezentanza tal-BOV Bank xehdet nhar il-25 ta' Marzu 2019 (vide fol 145 et seq)*** u ddikjarat illi mis-sena 2008 sad-data tat-testimonjanza rrizultaw tlett kontijiet f'isem l-attur (vide dok JB1-JB3). Illi f'isem l-intimata rrizultaw zewg kontijiet (vide JBX1-JBX2). Tikkonferma illi ma nstabux kontijiet kongunti u lanqas kontijiet ma' terzi.

***Jeanette Lepre in rapprezentanza tal-Lombard Bank Malta xehdet nhar il-25 ta' Marzu 2019, (vide fol 147 et seq)*** u spjegat illi ma nstabu l-ebda kontijiet f'isem il-partijiet u lanqas ma' terzi.

***Fallon Sammut in rapprezentanza ta' BNF Bank Malta xehdet nhar il-25 ta' Marzu 2019 (vide fol 149 et seq)*** u spjegat illi ma nstabu l-ebda kontijiet mal-bank f'isem il-partjiet.

***Chantelle Chircop in rapprezentanza tal-APS Bank Malta xehdet nhar il-25 ta' Marzu 2019 (vide fol 150 et seq)*** u rrilevat illi rrizultaw li l-partijiet kellhom zewg kontijiet kongunti (vide dok CCJ1 u CCJ2), u l-attur kellu ukoll zewg kontijiet ohra f'ismu (Vide CC1 u CC2). L-intimata ukoll kellha kont wiehed f'isimha (vide Dok CCX1) u iehor ma terza persuna (Dok CCXY1), u cioe ma' Maria Carmela Zammit li hija oht l-intimata. Illi dan il-kont huwa maghluq u l-bilanc fl-ammont ta' EUR 3181.20 ingibed.

***Walter Aquilina in rapprezentanza ta' Calamatta Cuschieri xehed nhar il-25 ta' Marzu 2019 (vide fol 152 et seq)*** u spjega illi l-partijiet kellhom investiment ma' Crystal Finance Investment, li inbieghet lil Calamatta Cuschieri (Vide Dok WA1-WA14).

***Miriam Sultana in rapprezentanza tal- Malta Stock Exchange xehdet nhar il-25 ta' Marzu 2019 (vide fol 154 et seq)*** u spjegat illi f'isem l-intimata rrizulta kont, C Account bin-numru 9818596 (vide Dok  1), hemm kont iehor joint ma' Maria Carmela Zammit (vide Dok MS2) u MA   u tnejn ohra f'isem GA   u MA    (vide Dok MS 3-4). Illi rrizulta ukoll kont iehor f'isem l-attur (Dok MSX1) u iehor f'isem il-minuri AA   (vide Dok MSX2).

***JC , prodott mill-attur, xehed permezz ta' affidavit (vide dok GA fol 910 et seq)*** u spjega illi hu iltaqgha mal-attur l-ewwel darba fis-sena 2004, meta kien student universitarju kien qieghed jaghmel prattika fl-iskola sekondarja taz-Zurrieq, bhala parti mill-kors tal-B.Ed. il-kap tal-iskola kien laqqghu mal-attur ghaliex kien ser jiehu xi klassijiet tieghu biex jippratika. L-attur deher bhala ragel kwiet, kalm u misthi. Izzid illi l-attur kien ikkopera mieghu ghaddielu l-informazzjoni kollha mehtiega biex il-klassijiet ma jigux affetwati mill-bidla fl-ghalliema, u mir-rizorsi li ghaddielu setgha jinduna li xorta wahda kien baqa' jaggorna ruhhu u johloq rizorsi moderni. Illi f'Settembru tas-sena 2019, meta dahal ghall-ewwel gurnata tax-xoghol tieghu, rega' sab lill-attur li ghalkemm kien infurmah li kien diga' irtira, kellu jerga' jidhol peress li kien hemm bzonn l-ghalliema, u anke biex ikun jista' jlahhaq mal-ispejjes tal-Qorti minhabba li kien ghaddej b'kawza l-Qorti. L-attur kien spjegalu li l-art fejn hemm id-dar matrimonjali mibnija kienet tieghu, u li d-dar kien bnieha hu, u kien anke hallas kollox hu. Kien spjegalu illi uliedu ma kienux qed ikellmuh, u li l-attur kien dispjacut hafna ghaliex hu dejjem kien gab il-familja l-ewwel.

Kien semmielu episodju minnhom fejn kien dahal l-isptar u hadd minnhom ma kien ghamel kuntatt mieghu. Ix-xhud jishaq illi l-attur kien qallu li kellu suspetti li martu kienet hadet il-flus kollha taghhom u qassmithom lit-tifal biex tixtrihom u ddawarhom kontrih.

***RPC 3141, stazzjonat l-ufficju ta' Haz Zabbar, xehed nhar it-13 ta' Mejju 2019 (vide fol 1074 et seq)*** u esebixxa erba' (4) rapport maghmula mill-attur (Vide Dok JC1-JC4) u esebixxa zewg (2) rapporti maghmula mill-inimata (Vide Dok JC5-JC7), u ukoll rapport tal-partijiet (Vide Dok JC 8).

***Joseph Saliba in rapprezentanza tal-Jobs Plus xehed nhar it-13 ta' Mejju 2019, (vide fol 1076 et seq)*** u esebixxa l-employment history tal-attur. (Doks JS1)

***CZ, oht l-attur, xehdet nhar l-20 ta' Gunju 2019 (vide fol 1095 et seq)*** u spjegat illi hi ilha taf lill-intimata, minn meta l-intimata u l-attur, cioe huha kienu ghadhom kif bdew namrati, iktar minn tletin (30) sena. Ziedet illi hi qatt ma kellha xi tghid mal-intimata, u dejjem kellha relazzjoni tajba maghha. Ix-xhud tiddeskrivi lil huha bhala ragel sincier, ihobb jghin ihobb il-familja, u dejjem rat rispett minghandu. Xehdet illi meta hi kienet tara lill-attur ma' uliedu waqt xi riceviment dejjem rat illi kellu relazzjoni tajba maghhom, pero' hi ma kienitx tkun il-hin kollu maghhom. Isostni illi hadd mill-partijiet qatt ma fetah qalbu maghha dwar xi problem fiz-zwieg u li hi marret ghand il-partijiet id-dar taghhom xi darbtejn. Meta huha informaha bis-sitwazzjoni prezenti, ix-xhud tistqarr illi kienet inhasdet, li bdiet tibki ghaliex ma stennitx xi haga bhal din, peress li kienet tarahom familja maghquda. Tishaq illi ma tahsibx li kien l-attur li xtaq is-separazzjoni, u li kemm ilu li gara dan kollu, issa hi u l-attur saru jitkellmu u jcemplu iktar frekwenti u huha qalilha illi kemm ilu ghaddej mis-separazzjoni, issa qieghed jara l-flus f'idejh, pero' ix-xhud tindika illi ma tafx ghalfejn qalilha hekk ghaliex hi ma kienitx tghix maghhom u ma tafx kif kienu jahdmu bejniethom.

Izzid illi kemm ilhom ghaddejjin il-proceduri, kienet cemplet lill-intimata, u kienet staqsitha jekk tridx li jmorru jiehdu kafe, izda l-intimata qaltilha li m'ghandhix cans u ix-xhud ma cemplitilhiex izjed.

***Joseph Saliba ri-prodott nhar l-20 ta' Gunju 2019, (vide fol 1099 et seq)*** u in rapprezentanza ta' JobsPlus, u esebixxa l-employment history tal-intimata. (Vide Dok JS2).

***WRPC 3141 Jannette Cicala prodotta nhar id-19 ta' Lulju 2021*** u esebiet diversi rapporti tal-Pulizija Dok JC1-JC14.

***AA w Xuereb in rapprezentanza tal-Housing Authority prodott nhar id-19 ta' Lulju 2021***

esebixxa dok AX1, AX2, AX3, AX4,AX5 u AX6.

***Jeanette Lepre in rapprezentanza tal-Lombard Bank plc xehdet nhar is-17 ta' Ottubru 2019*** u spjegat illi ma rrizultaw l-ebda kontijiet fuq isem il-partijiet.

***Charmaine Psaila Ragi in rapprezentanza tal-APS Bank xehdet nhar l-24 ta' Ottubru 2019*** u esebiet cheque images ta' zewg (2) cekkijiet li l-partijiet hargu mic-*cheque book* bin-numru 4099340011 fill-konfront ta' xulxin. (Vide CPR1)

***Jeanette Lepre in rapprezentanza tal-Lombard Bank plc xehdet nhar l-21 ta' Ottubru 2019*** u spjegat illi minn ricerka li saret ma rrizultaw l-ebda kontijiet bankarji f'isem l-intimata la wahedha u lanqas ma terzi. Irrizultaw zewg kontijiet f'isem il-minuri AA li huma *savings accounts*. (Vide dok JL1-JL3)

***AA , iben il-partijiet xehed peremezz ta' affidavit (vide fol 18 fl-atti tar-rikors 228/2018/2)*** u spjega illi s-sitwazzjoni fid-dar ma kienx wahda normali, kif missieru ma kienx johloq atmosfera sabiha fid-dar bl-azzjonijiet li jaghmel u kif kien jirreagixxi kemm mieghu u kif ukoll ma' ommu. Zied illi l-affarijiet ilhom sejrin lura d-dar, u ilu jinnota hafna episodji li jdejquh. Xehed illi missieru dejjem ikellimhom b'disprezz, u dan minn meta kien zghir filwaqt li lin-nies ta' barra kien ikellimhom b'mod dhuli. Fil-fatt meta kienu jghidu lil xi hadd bil-mod kif kien jittrattahom lanqas kienu jemmnuhom ghax ma' haddiehor ma kienx jagixxi hekk. Ix-xhud jishaq illi missieru kien joqghod ikellmu kontra ommu, u fuq is-separazzjoni taghhom. Illi minhabba l-argumenti li missieru kien jaqbad mieghu, ix-xhud xehed illi kienu qieghdin jaqbduh attakki kbar ta' ansjeta' u beda jinduna kemm ma kienx komdu u kuntent id-dar minhabba missieru. **Bil-lejl missieru kien anke jaqbad u jidhol bil-kmamar taghhom, jghajjat u jixghel id-dawl u anke gieli mar b'*torch* biex itih qata' f'nofs ta' lejl**. Gieli missieru anke qalu li ghandu cancer bl-ghan li jahsdu u jdejqu. Spjega illi darba minnhom anke kien qabad isuq wara l-van tal-iskola tieghu. **AA semma l-incident meta missieru ghamel dik l-allegazzjoni kontra ommu.** Xehed illi missieru kien isegwi kull pass taghhom u **anke jissemma l-konversazzjonijiet** li kien ikollhom bejniethom.

***L-attur xehed permezz ta' affidavit (vide fol 1154 et seq)*** u rrileva illi ghal dawn l-ahhar hmistax (15) – il sena, hu u martu ilhom mifrudin izda jghixu taht l-istess saqaf, u llum huwa abbandunat minn martu u minn uliedu. Jispjega illi fis-sena skolastika 2015/2016, hu irtira mix-xoghol tieghu bhala ghalliema, Illi minhabba li d-dhul mill-pensjoni kien wiehed baxx, hu dahal part-time mal-Agenzija Zghazgah bhala *youth trainer*, izda anke hawn kien wiehed baxx. Illi ghalhekk haseb li

kellu jerga' johrog jahdem *full-time*, u inqalghet opportunita' fejn seta' japplika biex jiftah banka tal-lottu. Peress li hu kien hadem bhala assistant ghal sebgha u ghoxrin (27) sena fil-banka tal-mara, hu kien gie approvat. Illi sakemm tlesta r-*refurbishment* generali li ghamlu l-kazin tal-Beland fil-banka, hu haseb biex jilhaq jixtri l-ghamara u biros u scratchers, stationery etc.

Jishaq illi sforz l-ghira taghha, martu bdiet ggib certu diskors, li fil-banka mhux post tar-ragel. Meta martu f' April tas-sena 2017 qaltlu li se tmur tahdem fil-banka, hu ta c-cavetta, il-basket u il-flus fl-ammont ta' EUR 9901.54. Illi minn hemm martu qaltlu biex jibda jsajjar u jahsel hwejgu hu. Izid illi l-flus tal-paga u tal-pensjoni kienu kollha f'idejha ghal tlieta u tletin (33) sena shah, u hu kull ma kien jiehu ftit flus ghall-*petrol*. Il-bqija tal-flus kienu jkunu ghandha u taghmel u tqassam li trid bihom. Jishaq illi hu ma kien jindahlilha xejn kif tonfoq jew xi twarrab u ggemma. Jispjega illi hu kien jafdaha b'kollox u kien zball li kien daqshekk twajjeb.

Jixhed illi bejn April tas-sena 2017 u Novembru tas-sena 2017, l-intimata kienet hadet somma ta' flus mill-kont tal-APS. Mill-posta li kienet qieghda tircievi l-attur kien induna illi l-intimata kellha somom sostanzjali ta' flus li hu ma kienx jaf bihom. Illi fl-istess perjodu, l-intimata marret tixtri karozza tiswa ghoxrin elf ewro (EUR 20,000) filwaqt li kellha l-karozza l-Maruti. Illi dawn il-flus imbaghad inqalbu fuq it-tfal biex hu ma jkunx jista' jghidilha li ghandha l-flus. Illi dan jafu ghaliex f' Jannar tas-sena 2018 kienet waslet ittra fejn kien hemm dan indikat.

Isostni illi qabel iz-zwieg, l-intimata kienet refghet idejha fuqu, billi taghtu daqqa ta' harta. Hu kien mar jiehu parir minghand ta' Kana imma l-istorja waqfet hemm. Illum jghid li dan l-agir kien sforz it-trobbija li kellha. Jixhed illi wara xi snin li zzewgu skopra li r-ragel t'otha kien imur id-dar ghandhom meta hu kien ikun ghax-xoghol. Martu kienet qaltlu li hi kienet taghtih xi haga x' jiekol, izda hu ghandu s-suspetti tieghu ta' x'kien jigi jaghmel. Izid illi martu kellha genn biex taghmel id-DNA tat-tifel iz-zghir, u dak iz-zmien din kienet xi haga li bilkemm kont tisma' dwarha. Martu kienet insistiet li l-professur kien qalilha li dan it-test kien xi haga li setghu jigu bzonnu, izda peress li dawn kienu ha jigu jiswew iktar minn mitejn lira (Lm 200) il-wiehed, l-attur kien qalilha li m'ghandux flus.

Jispjega illi ilha ma torqod mieghu ghal dawn l-ahhar erbatax/hmistax (14/15) – il sena, peress li hi torqod fil-kamra tat-tifel. Jishaq illi fiz-zwieg regghet refghet idejha fuqu, u din id-darba qalilha li z-zwieg tkisser u anke nehha c-curkett. Maz-zmien l-intimata anke bdiet terfa' idejha fuq it-tifel iz-zghir. L-attur jishaq illi kien hemm darba fejn l-intimata saqet il-karozza ghal fuqu, meta hu dejjem kien gust maghha, u kienet hi li hallietu bla flus. Izzid illi aggreditu ukoll fil-kcina, u li fil-

25 ta' Gunju 2018, hu dahhal ghal gharrieda gol-kamra tas-sodda, u sab lil martu mdendla ma spallejn it-tifel AA u tbuslu ghonqu.

***Ri-prodott nhar il-11 ta' Lulju 2019 (vide fol 1172 et seq) l-attur*** spjega illi hu dejjem ssapportata hafna affarijiet pero minn sena u nofs 'l hawn, ma felahx iktar. Kienet martu li riedet is-separazzjoni u rega' semma l-incident fejn allegatament saqet il-karozza ghal fuqu fil-*front garden,* refghet idejha fuqu fil-kcina u kellu jmur jaghmel rapport lil Pulziija. Jishaq illi hu ezattament lanqas jaf ghalfejn martu trid is-separazzjoni. Rega semma l-incident meta kien dahal ghal-gharrieda fil-kamra tas-sodda u sabha tbus lil binhom iz-zghir, u li wara li ra hekk mar icempel 179. Semma ukoll li l-intimata ghamlet rapport falz kontrih li hajjarha ghall-pornografija u li ta materja pornografika. Isostni illi hu ilu abbandunat hmistax- il sena, u martu kienet marret fuqu flimkien ma' binthom jistaqsuh jekk ghandux xi tfajla ohra. Jirrileva illi huwa l-karattru ta' martu li wassal ghal dan kollu minhabba l-ghebusija li kellha fit-tfulija, ghaliex id-dar ghand ommha kienet thossha "the odd one out", filwaqt li ohtha kienet il-favorita u martu l-aghar wahda. Illi maz-zmien bdiet tghajjat mieghu, tghajjru monstru u imbruljun, imxajtan. Jistqarr illi hu ghal dan il-kliem kien jghalaq halqu u joqod kwiet, ghaliex hu mhux ser jerfa' jdejh. Izid illi hi kienet tghidlu illi biex tigi mieghu fis-sodda jrid jaqlalha l-flus, u jaghmilha t-testment.

Isostni illi martu dawret lil uliedu kontrih, tant illi fil-Milied, lanqas hadu il-kartolina bil-flus li kien hallilhom. Illu hu ma jafx kif ir-relazzjoni li kellu ma' uliedu sfaxxat fix-xejn. Jishaq illi martu qatt ma qaltlu ghalfejn kienet tghajjru mostru.

Fir-rigward tad-dar matrimonjali, l-attur sahaq illi id-dar ghamilha hu, u li l-propjeta' hija tieghu biss u bniha hu. Jinsisti illi din inxtrat u tlestiet qabel iz-zwieg u inxtrat fin-1982 u huma zzewgu fis-sena 1985 u kien hu li hallas kollox sal-inqas centezmu. Kien ghamel ukoll l-aperturi, il-bibien, u l-*plumbing*. Jikkonferma illi kien ha *soft loan* minghand il-Lohombus fl-ammont ta' tliet elef lira (LM 3000).

Fir-rigward il-banka tal-lottu ta' martu, jispjega illi hu kien li ha hsieb din il-banka ghal sebgha u ghoxrin sena (27), filwaqt li martu kienet tmur xi hames sieghat kull nhar ta' Erbgha u l-Hamis. Jixhed illi l-paga tieghu kienet tohodha kollha martu, u kull ma kien jiehu kienet mitt ewro. Hu kien jaghmel *year planner*, fejn kien jikteb kemm hi l-paga u l-mara kienet tqassam il-flus gimgha gimgha u kien jippreferi li tixtri ghaliha u ghal uliedhom milli tixtri ghalih. Illi mill-flus tal-banka kienu jhallsu il-bzonnijiet tal-familja, il-kontijiet, licenzji, skola, uniformijiet. Jikkonferma illi l-kontijiet kien ihallashom hu. Illi f' April induna illi martu kellha xi flus fi *stocks* tal-Gvern li hu

ma kienx jaf bihom. Martu hatfet l-*envelope* minn idu u telqet tigri bih 'l fuq. Illi sussegwentement dawret kollox fuq it-tfal. Jikkonferma illi apparti d-dar matrimonjali m'ghandhomx iktar propjeta.

***L-attur ri-prodott nhar il-25 ta' Novembru 2019,*** spjega illi l-ewwel sular tad-dar matrimonjali kien iggarraf bil-maltemp u kien hu li ghamel tajjeb ghalih (vide dok GAX1). Dawn l-ispejjes saru meta l-attur kien ghadu guvni izda l-attur ma jiftakarx kemm kien hareg flus biex l-ewwel sular rega inbena. Zied illi uliedu m'ghadhom juru l-ebda rispett lejh, tant li anke rrifjutaw rigali u kartolini minghandu u li issa ilhom madwar sentejn ma jkellmuh. Sahaq illi qabel ma waqfu jkelmuh, hu kien jixtrilhom rigali, anke hwejjeg. Xehed illi l-intimata qieghda ddahhal nies barranin fid-dar meta ma jkunx hemm hu, bhal haddiema tal-*Portuges*, fejn anke hallitilhom ic-cavetta tad-dar minghajr ma infurmat lill-attur b'dan. Illi l-istess taghmel man-nies li jghinuha tnaddaf id-dar u ma' tal-laham u tal-haxix. Spjega illi fl-14 ta' April tas-sena 2018 kmieni filghodu l-intimata laqtitlu l-karozza tieghu hi u tohrog taghha mill-garaxx qabel ma marret ghax-xoghol u kien hemm darba ohra fejn gie aggredit minn martu fil-kcina meta taghtu daqqa hu u johrog l-ikel mill-friza, b'dana ill l-ikel nxtered mal-art. Minkejja li ghamel rapporti mal-Pulzija fiz-zewg okkazzjonijiet, qatt ma sar xejn. Zied illi sa minn qabel iz-zwieg tieghu mal-intimata, l-intimata kienet diga' refghet idejha fuqu qabel it-tieg. Illi maz-zmien martu bdiet tghidlu illi n-nies kienet qieghda tghid illi t-tifel mhuwiex tieghu, u kienet anke indikatlu ta' min allegatament huwa t-tifel, u cioe ta'certu skrivan li kien mar joqghod faccata taghhom. Spjega illi hu dejjem baqa' b'dan id-dubju dwar il-paternita tat-tifel il-kbir. Nnega illi kien hu li dahhal dan id-dubju f'mohh uliedu. **Zied illi hu flus biex jaghmel DNA test ma kellux ghaliex flusu kien nefaqhom fuq id-dar u l-paga kien jaghtiha lilha. Illi f'dan il-perjodu kienet tmur ghand qassis iz-Zejtun flimkien ma' ohtha. L-attur ikkonferma illi d-DNA test baqa qatt ma sar.**

Sostna illi bintu dejjem kienet tghidlu illi hu rghejb ghal flus u li dejjem mohhu fil-flus, imma hu sahaq illi kien jaghmel hekk biex il-familja ma tmurx minn taht finanzjarjament, u kien hu dejjem hu li ha hsieb il-banka ta' martu ghal sebgha u ghoxrin (27) sena. Sahaq illi l-paga mix-xoghol tieghu bhala ghalliem kien jghaddiha lill-martu u kien izomm biss xi haga zghira minnha bhala "pocket money" u flusu u d-dhul generat mill-banka tal-lottu dejjem intuzaw ghall-familja ghaliex hu qatt ma kellu kappricci. Spjega illi mill-banka kienu jdahhlu madwara tmint elef, jew disa telef fis-sena u minnhom kienu jithalsu licenzji tal-karozzi, maintenance ghad-dar, privatijiet tat-tfal, etc.

**L-attur xehed illi hu kien ghamel xi investimenti madwar hmistax (15) jew tmintax (18) – il sena ilu li kienu ammontaw ghal dhul ta' sebgha u sebghin elef, (77,000) kull wiehed li**

**qieghdin fi *stocks* fuqu u fuq l-intimata**. Zied illi recentement mir-rendikont tal-bank induna illi fis-sena 2008 kienu ingibu hames mija mill-kont kongunt tal-partijiet permess tal-*internet banking* li gew trasferiti fil-kont ta' binthom. Illi din it-transazzjoni saret ad insaputa tal-attur. Illi ukoll fis-sena 2011 sar depozitu minn AMA ta' EUR 2000 fil-kont kongunt tieghu u martu u fl-istess perjodu saru ukoll diversi transazzjonijiet li hu ma jistax jispjega bhal depozitu ta' EUR 7000. Illi dawn it-tip ta' transazzjonijiet baqghu sejrin sas-sena 2018.

Illi martu kienet ukoll irceviet envelope li kien fih bejn €35,000 u 40,000 u irceviet iehor madwar sitt xhur wara. L-attur spjega illi hu jahseb li dawn il-flejjes tnehhew minn xi *stocks*, u li dawn huma flus li hadem ghalihom hu, u l-intimata qabdet u ghaddithom lil uliedom meta hu ma kien jaf b'xejn. Ikkonferma illi martu kienet tkun il-banka tal-lottu nhar ta' Erbgha filghodu, u nhar ta' Gimgha filghodu mit-8:00am sal-12:00, u l-Gimgha flghaxija kien ikun hemm hu. L-attur kien jiftah il-banka hu nhar ta' Tlieta, Erbgha u Hamis u Gimgha flghaxija.

Zied illi martu kienet tahdem ghax riedet hi ghaliex hu dejjem haseb ghaliha u ghat-tfal tant li hallilhom €35,000 bejniethom. Xehed ukoll illi martu riedet tibghatu jahdem l-Awstralja wahdu. L-attur jghid li l-intimata kienet ghamlet habta tghidlu biex ma jaghtix kas jekk jircievi xi telefonati, li pruvat taghmel attentat ta' suwicidju wara tmien snin zwieg minhabba l-inkwiet li inqala minhabba l-paternita tat-tifel. (Vide dokumenti esebita GAX2-GAX35)

***L-attur in kontro-ezami nhar it-28 ta' Frar 2020 (vide fol 31 et seq fl-atti tar-rikors 228/2018/2)*** b'referenza ghall-affidavit tieghu a fol 1155 tal-atti, fejn sahaq illi hu u martu jinsabu mifrudin taht l-istess saqaf, huwa jindika illi qieghed jirreferi ghal kollox, ghaliex bejnu u martu kienet ilha li spiccat l-intimita', affezzjoni ftit li xejn, kommunikazzjoni mill-inqas, lanqas baqghu jieklu flimkien. B'referenza ghar-rapport tieghu ma' uliedu, huwa jishaq illi kienet martu li alienathom minn mieghu ghaliex xahmithom b' erbghin elf euro (EUR 40,000) li hadet mill-kont tal-partijiet, tant li lanqas ir-rigali u kartolini tal-Milied ma riedu jiehdu minghandu.

Izid illi hu dejjem ta l-paga kollha lil martu, u wara tlieta u erbghin (34) sena, ta EUr 9,900 biex tiftah il-banka taghha, qabel ma qaltlu biex jitlaq l'hemm. L-attur jikkonferma illi fis-sena 2015 huwa irtira u hareg bil-pensjoni, **u filfatt beda jaghti rigali lit-tfal mis-sena 2015 'l hawn ghaliex qabel ma setghatx peress li ma kellux flus u l-flus li kellu kien jonfoqhom ghall-familja**.

B'refereza ghall-envelope li wasal id-dar f' Jannar tas-sena 2018, l-attur jikkonferma illi dan l-

envelope kien indirizzat lit-tfal, u mill-"window" tal-enevlope stess ra illi kien indirizzat lil AA u lil AA . Jixhed li zewg oht l-attrici kien imur d-dar meta hu ma kienx ikun prezenti d-dar. Jishaq illi hu ma kienx konsapevoli ta' dan u meta darba minnhom oht l-intimata qaltlu biex jghaddi jiehu platt ross, l-intimata tghix kienet ghamlitlu.

***L-attur ri-prodott nhar l-24 Novembru 2020*** spjega illi dan is-sajf uliedu gew minn barra, u martu marret maghhom Ghawdex jew xi lukanda x'imkien iehor u damet hmistax. Hu kien jaf b'dan ghax hallietlu nota. Izid illi martu xahmet lil uliedu bil-flus meta taghthom erbghin elf ewro (EUR 40,000). Xehed illi minn l-ahhar testimonjanza tieghu l'hawn, intebah illi fil-kont "karusinu" tat-tifel iz-zghar kien ghad fadal biss hamsa u tmenin (85c) centezmu, meta qabel ma ngibdu dawn il-flus kien hemm elf tmien mija u disgha u hamsin centezmu (EUR 1800.59). dawn il-flejjes ingibdu fid-19 ta' Ottubr tas-sena 2020. Illi darba minnhom sab ukoll lil martu fuq telefonata mat-tifel il-kbir waqt li kienet qieghda fuq l-internet banking, tard flghaxija u sabhom qieghdin jiehdu il-flus minn gol-bank. Spejga illi hu sar jaf b'dan tramite telefonata fejn staqsewh jekk hu kien jafx li qed jittiehdu flus mill-bank u jekk jaqbilx ma tali transazzjoni. (Vide Dok AGZ1)

In ***kontro-ezami,*** spjega illi martu qieghda tissuspetta fih li hu ha jobrom xi flus tal-komunjoni, li kienu qieghdin izommu f'isem AA , peress li l-kont in kwistjoni kien intiz bhala tfaddil ghall-minuri AA . Jichad li hu kien ser jerga' jiehu dawn il-flus lura, u irrileva illi hu qas qatt ma gibed centezmu minnhom. Konfrontat bil-fatt li dawn il-flus marru fil-kont ta' AA gewwa l-Lombard Bank, l-attru spjega illi l-minuri ghadu taht l-eta u li jista' juza dawn il-flus ghall-affarijiet li mhumiex affarijiet pozittivi. **Zied illi hu ma kienx jaf li dawn il-flus ingibdu u marru fil-kont tal-Lombard u li dan it-transfer sar permezz tal-*internet banking.***

L-attur xehed ukoll illi recentement l-intimata ghalqitu barra, u ghamel rapport mal-pulizija dwar dan peress li martu ghalqet il-bieb tal-alumunium fejn halliet il-firoll u ma setghatx jiftah. (Vide dok AGZ3)

***L-intimata ri-prodotta nhar it-3 ta' Mejju 2021 (vide fol 1243A et seq)*** u spjegat illi l-attur mill-bidu tar-relazzjoni taghhom ma kienx jiehdu gost meta hi kienet tkellem irgiel ohra anke jekk dawn kienu hbieb jew membri tal-familja. Kellu certu ghira fil-konfront taghha, u kull darba li kien jigri xi haga hekk, kien ikollhom xi jghidu. Kien hemm zmien ukoll fejn kien qalilha biex titlaq mix-xoghol taghha bhal skrivana mal-Gvern, izda meta kienet staqsitu jekk kienx lest li jaghtiha l-paga jekk titlaq mix-xoghol, ma kienx qalilha biex titlaq mix-xoghol aktar. Fir-rigward id-dar matrimonjali, l-intimata spjegat illi kienet hi li kienet tirsisti biex tigbor il-permessi

necessarji. Spjegat illi hajjitha mal-attur kienet id-dar biss ghaliex ftit li xejn kienu johorgu anke **ghaliex kien joggezzjona ghall-infieq tal-flus**. Xehdet illi l-attur qatt ma kien prezenti fit-tqala u lanqas fit-trobbija ta' uliedhom. Fir-rigward finanzi, irrilevat illi l-paga kien jaghtiha lilha, u l-attur kien jiehu flus ghal petrol. Illi mill-flus li kienet iddahhal mill-banka fil-bidu li haditha kienu hallsu l-*loan* kollu.

Tixhed illi meta kellha lil AA, hi kienet tmur il-banka nhar ta' Erbgha biss. Illi imbaghad kienu dawru l-hinijiet ghal flghaxija u kien imur l-attur wara l-iskola ghaliex hi riedet li tibqa' mal-familja. Dak iz-zmien it-tfal kienu ghadhom l-iskola, il-kbir kien qed jaghmel l-O-Levels u iz-zghir kien ghadu tarbija. Meta iz-zghir kellu erbatax (14) – il sena, hadet il-banka, izda qabel kienet tmur biss darba fil-gimgha. Illi issa qieghda tahdem kuljum mit-Tnejn sas-Sibt filghodu biss biex flghaxija ma thallix lit-tifel wahdu d-dar, u filfatt flghaxija il-banka ma tinfetahx. Illi l-introjtu taghha u madwara sitt/sebat mitt ewro u minnhom trid taqta' l-ispejjes.

***Dr Marita Pace Dimech prodotta nhar is-16 ta' Frar 2022 in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Tezor,*** u spjegat illi t-Tezor mhuwiex responsabbli ghal penzjonijiet. Illi pero mir-ricerki li ghamlet ix-xhud, irrizulta illi l-attur, ghandu erba' (4) stocks tal-gvern bin-numru SE 982,1813, u ghandu stock ta' 4.5% Malta Government Stock 2028 number 2, **b'principal amount ta' EUR 59,000**. Ziedet illi hemm stock iehor ta' 3% MGS 2040 (1) li fih **principal amount ta' EUR 11200**. Spjegat illi hemm ukoll zewg (2) bonds tas-62+, issue 2020, u li fih principal amount ta' **EUR 10,000** u issie 2021 bi principal ta' **EUR 6,200.** (Vide dok MDP 1 a fol 1310)

***Joseph Debono prodott nhar is-16 ta' Frar 2022, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxa,*** u esebixxa rendikonti (*returns*) kongunti ghas-snin bazi 2013, 2014, 2015, 2016 u 2017. Zied illi mill-1 ta' Jannar 2018, id-dipartiment ghandu informazzjoni li l-partijiet sseparaw *de facto.* Zied illi l-attur ghandu zewg penzjonijiet, wahda tal-NI, kontributorja u l-ohra non *contributory pension* mit-tezor peress li l-attur kien dahal jahdem mal-gvern qabel is-sena 1979. Spjega illi fir-return tas-sena bazi 2017, fid-dikjarazzjoni bhala *self employed part-time,* l-attur indika telf ta' EUR 25.96.

L-intimata fir-return ghas-sena 2018 indikat li hi *lotto receiver* u indikat ukoll dħul ta' net profit ta' EUR 10000. Illi pero' hija ghamlet adjustment fuq u aġġustatu l-ammont indikat u naqsitu b'EUR 2224 u indikat dħul ta' EUR 7776. Illi fl-adjustment form ghas-sena bazi 2018, sena 2019 fejn kien hemm indikat dhul ta' EUR 11450 naqset dħul, b' EUR 2962 u indikat EUR 8488. Illi fl-ahhar tax return bazi 2020 YA 21, l-intimata iddikjarat EUR 19,012 bhala trading income dħul

min-negozju. (Vide Dok JD1- JD 15)

***Karl Borg in rapprezentanza tal- Lands Authority xehed nhar l-24 ta' Ottubru 2022 (vide fol 1313 et seq)*** u spjega illi fuq il-*lotto office* fit-Triq iz-zewg mini, l-Isla, **hemm bilanc pendenti ta' sitta u erbghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (EUR 46.48) ta' kirja mhux imhallsa.**

***AMA , bint il-partijiet, prodotta nhar id- 9 ta' Novembru 2022,*** ikkonfermat illi hi harget mid-dar martimonjali tal-genituri taghha fl-2014 meta marret tahdem barra minn Malta, pero' xorta kienet tkun id-dar meta izurhom. Spjegat illi hi dejjem uriet rispett indaqs lejn iz-zewg genituri, pero' minn dejjem kienet iktar titkellem ma' ommha b'mod aktar miftuh peress li kienet thossha iktar komda maghha, stante li missierha dejjem kien persuna silenzjuza, tkellmu u ma jwiegbekx, u meta kien ikellmek, kien isaqsi biss u ma kienx ikun hemm komunikazzjoni reciproka mieghu. Ghalkemm hi kienet tahseb illi missierha huwa persuna kwieta, meta zviluppat is-sitwazzjoni tas-separazzjoni, skopriet li missierha ibiddel totalment bhala persuna, u ma baqghetx tgharfu. Minkejja dan, meta kienet ghadha d-dar hi dejjem offrietlu l-ghajnuna taghha meta kien jistaqsiha ghal xi ghajnuna, jew biex tikkoregilu xi affarijiet tal-iskola.

Spjegat illi tul iz-zmien meta l-genituri kien ikollhom xi argument, is-sitwazzjoni kienet tkun wahda intensiva, u il-kliem li kien jghidilhom missierha, ma kienx wiehed sabih, bhal "iz-zwieg bicca karta" anke peress li missierha qisu kien jizvoga maghom wara argument. Stqarret illi kienet ommhom li kienet ddur bihom, filwaqt li missiera gieli kien iwassalhom x'mkien, izda maz-zmien ma baqatx ghaliex imbaghad kien jispicca jargumenta ma' ommha. Mistoqsija rigward il-finanzi tal-familja, **spjegat illi l-flus kienu johorgu minghand missierha, minkejja li it-tnejn kienu jahdmu, ghaliex il-flus kienu jkunu f'idejn missierha, u dak iz-zmien ommha lanqas il-cards tal-bank ma kellha ghaliex missierha kien izomm kollox. Missierha kien jaghti somma flus kontanti l-ommha, u ommha kien ikollha tghaddi bihom. Mill-bqija ommha ma kien ikollha kontroll fuq xejn u meta ommha kienet tghid lil missierha biex johorgu jieklu jew ghal kafe, dejjem kien jghidilha le ghaliex m'ghandhomx flus.**

Affermat illi llum lil missierha m'ghadhiex tgharfu, ghaliex il-missier li twieldet u ghexet mieghu huwa totalment differenti mill-persuna li missierha sar kemm ilha li bdiet is-sitwazzjoni tas-separazzjoni. **Spjegat illi missierha kien ghaddiela rendikont tal-flus li nefqu fuqha u fuq hutha, illi qieghed jissemma id-diskussjonijiet li jkollha ma' ommha u hutha, u kien qieghed ikun jaf b'informazzjoni li ma kienux qieghdin jghidulu biha hi jew hutha jew ommha. Kien qieghed jaghlaq l'ommha barra, billi kien isakkar kullimkien bil-lukketti, minkejja li kien**

**ikun jaf li ommha u huha iz-zghir qieghdin barra.**

Spjegat illi issa ilha sentejn ma tmur id-dar matrimonjali, peress li ommha kellha tohorg mid-dar, u minhabba l-attitudni ta' missierha lejn ommha u lejn huha AA, u ghalhekk hija ma setghatx tersaq iktar l' hemm. Mistoqsija rigward is-servizz tal-*mobiles* taghhom, ix-xhud spjegat illi taghha qatt ma kien fuq l-istess "plan" ma' ta' ommha, pero certament li ma kienux b'xi mod kkomunikati ma' missierhom.

**Fir-rigward l-allegazzjoni li ghamel missierha dwar hames mitt ewro (EUR 500) li hadet mill-kont joint tal-genituri taghhom mal-HSBC, spjegat illi hi qatt ma kellha access ghal dawn il-kontijiet izda is-sitwazzjoni kienet illi fuq parir ta' ufficjali ta' bank gew depozitati EUR 500 mill-kont tal-partijiet ghal kont fixed f'isem ix-xhud ghal finijiet ta' pratticita, b'dana illi dawna l-flus gew rifuzi lill-partijiet mix-xhud.**

Spjegat illi meta hi u huha l-kbir bdew jahdmu, **ghamlu dak kollu li setghu biex jirrangaw id-dar, u kienu anke johorgu lill-genituri taghhom jieklu u jsifruhom peress li meta kienu izghar qatt ma kien isir xejn minn dan.**

In ***kontro-ezami,*** ix-xhud stqarret illi jekk kien hemm xi drabi li ommha ghaddietilha xi flus, **ommha ghamlet dan minn jeddha, u hi dejjem irritornat il-flus lura**. Ziedet illi meta kienu zghar qatt ma kienu neqsin minn xejn u kien ghalhekk li hi u huha dejjem riedu li jirreciprokaw mal-genituri taghhom hekk kif huma qabdu jahdmu bhala rikonoxximent ta' dak li ghamlu maghhom.

***Reuben Bonnici in rapprezentanza tal-ARMS Ltd xehed nhar it-23 ta' Novembru 2022 (vide fol 1324 et seq)*** **u spjega illi l-kontijiet fuq il-fond 42, L-Irdoss, Triq is-Salvja Marsascala, qieghdin fuq isem l-attur.** Illi fuq dan il-kont hemm il-panelli imwahhlin u peress li hemm il-pannelli qieghed jigi generat il-kreditu u sad-data tad-dokument kien hemm kreditu fl-ammont ta' EUR 265.46. Illi fuq isem il-partijiet hemm ukoll il-fond 203 Lotto Office, Triq iz-Zewg Mini l-Isla, intestat fuq isem l-intimata.

***Simone Cini in rapprezentanza tat-Tezor, Sezzjoni Pensjonijiet, xehdet nhar it-23 ta' Novembru 2022 (vide fol 1329 et seq)*** **u spjegat illi l-attur ghandu penzjoni fl-ammont ta' tnax il-elf, tlett mija u sebgha euro (Eur 12,307) fis-sena, u kien anke ha somma ukoll meta irtira fl-ammont ta' wiehed u hamsin elf, mitejn u disgha u sebghin euro u sbatax -il centezmu (EUR 51,**

**279.17)** u fix-xahar il-penzjoni tammonta ghall-elf u hamsa u ghoxrin eruo, tmienja u hamsin centezmu (EUR 1025.58). Ix-xhud tikkonferma illi l-attur ilu jiehu il-penzjoni mill-24 ta' Jannar 2015. (Vide Doc SC1u SC2)

***Reuben Bonnici, in rapprezentanza tal-ARMS, prodott nhar it-18 ta' Jannar 2023*** u b'referenza ghal lotto office, triq iz-Zewg Mini Isla, prezenta d-dokumentazzjoni relattiva ghall-imsemmi fond. Fir-rigward il-kreditu fir-rigward il-pannelli, ix-xhud indika illi m'hemmx talba biex dan il-kreditu jigi kkreditat f'xi kont bankarju b'dana illi l-kreditu qieghed jibqa " on account." (Vide dok RB1-RB4)

***L-intimata ri-prodott nhar l-4 ta' Marzu 2022 (vide fol 1313A et seq)*** b'referenza ghall-propjeta in komuni ma' zewgha, spjegat illi l-partijiet ghandhom id-dar matrimonjali, 42 Irdoss Marsaskala, u li ilhom jghixu fiha mit- 8 ta' Gunju 1985 u li minnha harget fit-12 ta' Marzu 2021 minhabba l-abbuz li ghaliha kienet sottoposta minn zewgha.

Ziedet illi bejn 1977 u 1985, hi u l-attur kienu gharajjes, izda l-attur qatt ma ha inizjattiva sabiex isibu post flimkien. Hi kienet saret taf li l-Gvern kien qieghed jilqa' applikazzjonijiet minghand gharajjes ghall-plots iz-Zonqor, f'Wied il-Ghajn, u filfatt din l-informazzjoni kienet giet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern. **Tixhed illi t-tnejn kienu ghamlu zewg applikazzjonijiet separati t-tnejn iffirmaw l-applikazzjoni ta' xulxin**. Illi sussegwentement kienet telghet l-applikazzjoni ta' George. Hu kien mar jiffirma l-kuntratt l-Awtorita tad-Djar u kienu hadu plot number 27 fejn llum hemm mibnija d-dar matrimonjali. **Huma inghataw tliet snin cans biex jibnu d-dar u d-dar thallset mit-tnejn**. Dak iz-zmien l-attur kien ha *soft loan* minghand il-Lohombus Bank fl-**ammont ta' Lm 4000**. Illi dan il-*loan* beda jithallas fis-sena 1985, is-sena li zzewgu fiha, u kienu jhalsu sbatax- il Lira u nofs fix-xahar. Kienu damu jhallsuha xi ghaxar snin minkejja li kellhom hamsa u ghoxrin sena (25) cans u dana peress li mill-1992, hi bdiet tikkontribwixxi ghal din il-*loan* permezz ta' *lump sums*, mid-dhul li kienet iddahhal mill-banka tal-lottu. Hi baqghet taghmel hekk sakemm inqata' l-*loan* tad-dar.

Illi ghalhekk u fir-rigward ta' dan il-*loan* l-attur ikkontribwixxa elfejn u hames mitt lira maltin (Lm 2500) u waqt li hi kkontribwiet tlett elef u hames mitt euro (Lm 3500). Qabel iz-zwieg, huma kienu qablu illi l-attur kellu jhallas ukoll lill-bennej u lill-kahhal, madwar erbat elef ohra u hi kellha taghmel spejjes ohra fil-*loan* li thallasu permezz ta' tfadil mix-xoghol taghha ta' skrivana mal-Gvern li kienu jammontaw ghal tmint elef u hames mitt lira maltin (LM 8500) li kienu jinkludu, il-kamra tal-banju, *spare toilet* bil-madum, u biex x-xoghol b'kollox u l-haddiema li

kienu jammontaw ghal elf u hames mitt liri maltin (Lm 1500) ohra. Illi kien hemm ukoll it-twahil tal-madum elf u tlett mija u sebgha u sittin liri maltin (LM 1367), irham tat-tarag tmien mitt liri maltin (LM 800), u tarag tal-mosajk mija u sebghin liri maltin (LM 170), kamra tas-sodda principali sitt mija u ghoxrin liri maltin (Lm 620), Salott, hames mitt liri maltin (LM 500) TV, tlett mija hamsa u hamsin liri Maltin (LM 355). Illi t-tieg u l-ispejjes tar-reception, ritratti, karozzi, hwejjeg, fjuri, muzika, hames mitt liri maltin (LM 500) u l-genituri taghha hallsu l-*catering*. Illi d-dota tammonta ghal elf u hames mitt liri maltin (LM 1500).

Fl-1991 inharget sejha ghal *lotto receivers* indipendenti mid-Dipartiment tal-Lotto Pubbliku, u hi kienet applikat peress li kellha l-GCEs li intalbu. L-applikazzjoni taghha kienet intlaqghet u kienet ghamlet interview. **L-intimata kienet giet accettata u bdiet tahdem bhala *lotto receiver* indipendenti mis-16 ta' Dicembru 1991**. L-ewwel bdiet tahdem f'bank ta' Qali li kienet tal-*Community Chest Fund*, f'Gunju tas-sena 1992 imxiet f'ohra il-Belt Valletta, u minn Marzu tas-sena 1994 'l hawn ghandha l-banka tal-Isla. **Il-qliegh huwa ta' madwar EUR 9000 fis-sena**. Dan il-qliegh kien jintuza biex jithallasu spejjes tad-dar, cnus tad-dar, dawl u ilma u income tax. Hi u zewgha kienu qablu illi biex hi tlahhaq mat-tfal u mal-affarijiet tad-dar, hu kien ser jiehu hsieb il-banka matul il-gimgha.

Spjegat illi kien biss wara ghoxrin sena li s-sitwazzjoni ma' zewgha gravat daqshekk.

***MHA , iben il-partijiet xehed permezz ta' affidavit (vide fol 1689 et seq)*** tul it-trobbija tieghu f'ommu dejjem sab kull ghajnuna possibbli, specjalment mill-lat edukattiv, finanzjarju, spiritwali u tas-sahha. **Illi minn naha l-ohra il-presenza ta' missieru kienet wahda assenti u sfurzata.** Xehed illi filwaqt li ommu kienet tohloq ambjent fid-dar fejn kien hemm pozittivita, kwiet, paci, u kienet taghmel l-almu taghha biex itejjeb il-hajja ta' kuljum, izzomm l-ordni u l-indafa, missieru kellu attitudni negattiva u kien jaqla' l-argumenti, u johloq tensjoni, billi kien imaqdarhom u jghidilhom li huma tfal bla hila. Kien ukoll johloq disorganizzazzjoni, ma jmiddx idejh u flok parir kien iktar ifixkilhom.

Ix-xhud isostni illi kienet dejjem ommu li kienet takkumpanjah waqt l-istudji tieghu u l-attivitajiet tal-iskola, dawk extra-kurrikulari, muzew, u privat fost ohrajn. Minn eta zghira kien josserva illi missieru ma kienx disponibbli ghalihom, u dejjem fittex li jiehu l-meritu ta' dak li kienet tahdem ghalih ommhom. Tul it-trobbija tieghu missieru kien dejjem **jilmenta illi m'hemmx bizzejjed flus biex isiru affarijiet li kien hemm bzonn fid-dar, ghall-attivitajiet ta' rilassament, hrug, hwejjeg u affarijiet ohra. Illi pero' missieru kien ifittex li jkompli jippeggora l-qaghda fizika**

**tad-dar billi jibda xoghol u ma jlestihx, jingombra d-dar u jaghmel il-hsara fix-xoghol li jkun ghadu kif tlesta jew f'*appliances* li kien xtara x-xhud. Missieru dejjem fittex li jkollu kontroll assolut fuq il-flus u kien izomm il-cards tal-bank ta' ommu, ma kienx ihalliha li tuza l-ATM u jzommilha c-*cheque books* kemm dawk personali u anke tax-xoghol. Missieru kien anke jzomm rendikont ta' kemm ghandu flus imfaddlin u x'kien jaghmel bihom.**

Jispjega illi l-intimat **kien bieghed lill-ommu minn hbieb u familjari**, u kien juza kliem dispreggativ fir-rigward ta' ommu, u kien anke jaghmel azzjonijiet dispreggattivi fir-rigward ta'affarijiet li kien jaf huma ghal qalb ommu. Filwaqt li ommu kienet tahdem trabbi tliet ulied, isajjar, tahsel, tnaddaf, taghmel ix-xiri, torganizza u tipprepara ghal avenimenti, tiehu hsieb l-edukazzjoni u sahha tieghu u ta' hutu, missieru kien jahdem biss, **u kienet ommu li kienet ukoll tghin lil missieru fix-xoghol tieghu fejn jidhlu preparazzjonijiet tal-karti tal-ezamijiet u ittri tal-iskola, tikkoregi l-materjal tax-xoghol tieghu biex ikun jinftiehem ahjar.** Ix-xhud jishaq illi kien hu li qatta sieghat twal jghallem lil missieru juza l-*laptop*, il-*mobile* u anke diversi *software* bhal *email, AutoCad* u *Excel*.

Izid illi ommu dejjem fittxet li ma tkabbarx is-sitwazzjoni, u meta ommu talbet **lil missieru biex imorru ghal counseling, missieru dejjem irrifjuta**. Bit-tama li s-sitwazzjoni tmur ghall-ahjar u biex jghin, **kien sellef lill-genituri EUR 45,000 bejn is-sena 2011 u 2017 biex isiru xoghlijiet bzonnjuzi fid-dar bhal pannelli, aperturi, tiswija ta' soqfa, tibjid, *airconditions, dishwasher, cooker* u *appliances* ohra**. Ommu kienet taghtu **EUR 25,000** bhala ripagament izda missieru qatt ma ghadda l-ebda ripagament. Illi halsilhom ukoll titjiriet u akkomodazzjoni ghal diversi vaganzi kemm barra minn Malta u kif ukoll f' Malta u qatt ma naqas milli jixtrilhom rigali f'okkazzjonijiet bhal Milied u *birthdays.*

**Illi kien biss fis-separazzjoni li missieru tah kartolina u flus ghall-ewwel darba u ma kienx accettahom.** Illi meta missieru irtira, hu u ohtu kienu organizzaw u **hallasu ghal akkomadazzjoni u gala dinner gewwa id-Dragonara bhala celebrazzjoni fl-okkazzjoni tal-irtirar**. Illi minkejja dan is-sitwazzjoni baqghet tiddegenera tant illi missieru kien **anke qalilhom li huma ma kienux uliedu**, u minkejja li **offrewlu li jaghmlu DNA test kemm il-darba, huwa dejjem irrifjuta**. Mal-bidu tas-separazzjoni, it-ton ta' missieru inbidel ghal wiehed iktar vjolenti ma' ommu, u kien anke jibghatlu messaggi biex jipprova idawru kontra ommu. Illi peress li missieru kien waqaf jghaddi flus lil ommu, ix-xhud kien jixtri affarijiet bhal hwejjeg u *stationary*, zraben u affarijiet ohra ghal huh iz-zghir. Illi maz-zmien ix-xhud xehed **illi induna kemm missieru kellu kontrol fuq hajtu u kemm jaf b'informazzjoni li x-xhud qatt ma tah jew**

**tkellem fuqha fil-presenza ta' missieru.**

Izid illi matul is-separazzjoni hu flimkien ma' ommu, u hutu kienu ghaddejin minn vjolenza psikologika iebsa mahluqa minn missieru, tant li ommu u huh kellhom jitilqu mid-dar matrimonjali.

***L-intimata nhar il-5 ta' Mejju 2022 (vide fol 1869 et seq) xehdet viva voce*** u spjegat illi fis-sena 2017, is-sitwazzjoni kienet wahda hazina hafna u ghalhekk kienet bdiet proceduri ta' medjazzjoni. Illi dak li xprunata tiftah din il-medjazzjoni **kienet l-allegazzjoni falza li ghamel zewgha fejn sahaq illi hi kienet qieghda tabbuza minn binhom ta' erbatax (14)- il sena**. Tistqarr illi f'dana l-istadju ma felhitx tistaporti iktar. Illi fis-sena 2018, l-attur fetah il-kawza, u l-affarijiet hraxu. Isostni illi hi dejjem pruvat ssalva iz-zwieg taghhom, u issaportiet imgieba hazina, tmaqdir, u anke pruvat li jfittxu l-ghajnuna ta' professjonisti izda kien kollox ghalxejn. Illi fis-sena 2017, l-attur waqaf milli jghaddilha flus ghall-hajja, u ghalhekk waqfet issajjarlu. Tixhed illi qabel kien jaghtiha madwar elf u tlett mitt Ewro (EUR 1300) fix-xahar, u minnhom kienet tixtri l-laham, frott u haxix, detergents, gass, petrol ghal hames persuni, rigali, tindif. Il-kontijiet kienu jithalsu mill-flus li kienet tiggenera l-banka.

Meta kienu jigu uliedhom izurhom minn barra, l-attur ma kienx jaghmel l-azzjonijiet li kien jaghmel meta kienu jkunu wahedhom. L-intimata ssemmi diversi mill-affarijiet li ssemmi fl-affidavit taghha. L-attrici xehdet fuq il-vjolenza psikologika li kienet ghaddejja minnu, fejn l-attur kien imur isabbat mal-bieb tal-kamra tas-sodda taghha, jdoqq muzika gholja hafna, jibghatilha messaggi tard bil-lejl, jghidilha 'waslet is-siegha is-sewda', imiss l-ikel ta' binhom AA b'subghajh, darb minnhom libes kollox iswed tant li hasbuh halliel. Kien joqghod jixghel u jitfilha d-dawl tal-kamra waqt li kienet tkun rieqda, kien jixghelilha t-*torch* f'wiccha waqt li tkun rieqda, jiftah u jitawwal gol gwardarobba etc. izzid illi kellha tfittex l-ghajnuna psikologika ghaliex kienet spiccat tghix fi stat ta' biza' kontinwa.

***Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali xehed nhar l-10 ta' Mejju 2022, (vide fol 1878 et seq)*** u spjega illi l-attur beda jiehu l-penzjoni tal-irtirar fis-sena 2015, u ghadu johodha, u li sad-data tat-testimonjanza l-attur ippercepixxa sitta u erbghin elf Ewro (EUR 46,000) f'penzjoni.

***David Anthony Gatt, Chief Commercial Officer, in rapprezentanza tal-Maltco Lotteries Ltd, prodott nhar l-10 ta' Mejju 2022 (vide fol 1881 et seq)*** spjega illi l-partijiet huma zewg agenti li

ilhom jahdmu mal-Maltco, is-sinjura ilha mis-sena 2004, u is-sinjur mis-sena 2017, meta ha l-Agenzija gewwa z-Zejtun. Ikkonferma illi qabel is-sena 2017 l-attur kien registrat bhala assistant tal-intimata. Xehed illi l-arrangamenti li jsiru bejn l-agent u l-impjegati tieghu ma tidholx fihom l-Maltco.

Xehed illi fir-rigward tal-propjeta minn fejn tkun qieghda tigi operata l-banka, dik hija xi haga li taqa taht ir-responsabbilta' tal-agent. Illi meta persuna tkun interessata li tiftaha agenzija, ghandha ssir applikazzjoni fejn jigi indikat is-sit, jekk is-sit ikun konformi mar-rekwiziti tal-Maltco Lottery, u kif ukoll il-bzonnijiet kummercjali tal-kumpanija, huma jipprocedu biex johorgu l-licenzja. Il-Maltco wirtet l-agenziji li kienu spiccaw joperaw minn qabel ma kien jezisti l-Maltco. Fil-kaz tal-partijiet kienu zewg banek li kienu diga jezistu qabel il-Maltco hadet f'idejha dawn il-banek, u fil-kaz tal-attur hu ha l-banka wara li l-agent kien irtira. Xehed illi l-intimata kienet *a natural take over* ghaliex hi kienet diga topera qabel il-Maltco ha over fit-2004, u fil-kaz tal-attur, hu kien ghamel rikjesta fejn wera interess li jopera din il-banka, liema rikjesta giet accettata.

Fir-rigward ta' banek antiki, tapplika sistema ta' seniority u mhux kulhadd jista' jaqbad u jiehu banka, imma hemm certu kriterji li jridu jintlahqu.

***MHA , iben il-partijiet, prodott nhar it-23 ta' Gunju 2022*** mistoqsi fuq ir-relazzjoni tieghu mal-genituri tieghu, xehed illi ommu dejjem kienet ta' ghajnuna ghalih, u dejjem ghenitu u kienet disponibbli izda missieru kien assenti u kellhom relazzjoni pjuttost sfurzata. Zied illi missieru kien biss presenza u meta kellu bzonn l-ghajnuna tieghu, ma tantx sabu. Spjega illi r-relazzjoni ta' bejniethom minn dejjem kienet hekk. Illum gharaf illi effettivament ir-relazzjoni bejn ommu u missieru qatt ma kienet wahda ta' kopja, u filwaqt li ommu dejjem kienet tfittex li tahdem ghal familja, missieru kien dejjem jaqdef ghar-rasu. Filwaqt li ommu kienet taghmel l-ghalmu taghha biex javvanzaw, missieru kien dejjem negattiv u kontra kull inizjattiva u kien ta' spiss jghidilhom illi m'hemmx flus biex issiru certu affarijiet. Illi dan l-ambjent ma kienx ambjent san.

Spjega illi meta bdiet is-separazzjoni u l-affarijiet bdew jiggravaw, huh iz-zghir beda jirrakuntalu minn dak li kien ikun ghaddej minnu kuljum. Zied illi huh kien jirrakuntalu illi kien ikun hemm ghajjat kostanti, kmieni filghodu missieru kien jixghel ir-*radio*, issabbat il-bibien. Dawn kienu affarijiet li kien jesperjenza hu stess meta kien ikun Malta. Xehed ukoll illi gieli missierhom kien jidhol fil-kamra taghhom waqt li huma kienu jkunu rieqdin u jsabbat il-bibien. **Missieru kien ukoll qallu li hu ma kienx ibnu u minkejja li hu (Matthew) kien offra li jhallas ghal DNA Test l-attur irrifjuta**. Zied illi minkejja li hu xorta baqa' jipprova jzomm rapport ma'missieru,

meta beda jara certu affarijiet bhal dawn, ma setghax jibqa' f'rapport ma' missieru dawn l-ahhar sentejn jew tlieta.

Spjega illi ommu minn dejjem kienet tahdem, kemm fid-dar u anke bhala *Lotto Receiver*, filwaqt li kienet trabbihom, u mhux l-ewwel darba li ommhom kienet tispicca ezawrita. Jishaq illi missieru kien dejjem jghidilhom illi m'ghandhomx flus u ghalhekk la qatt siefru bhala familja meta kienu zghar, u kien biss meta qabad (Matthew) jahdem li siefer, u hu u ohtu kienu hallsu ghall-ginituri biex isifruhom. Di piu', MHA  kien sellef il-flus lill-ginituri biex jirrangaw id-dar. Illi imbaghad kien hemm perjodu fejn missieru qabad u ddecieda li ma jghaddix iktar flus lill-intimata.

Ikkonferma illi fl-2010, ix-xhud mar jahdem barra minn Malta, pero' matul is-sena, kien jinzel Malta tlett (3) darbiet mill-inqas, ghal perjodi twal. Illi lejn l-ahhar ix-xhud spjega illi kien induna illi filwaqt li missieru kien ikun kwiet fil-presenza tieghu, kif appena x-xhud kien ikun ser johrog mid-dar, kien jara lil missieru jaghmel xi mossa minn taht lil ommu. Zied illi hu kien anke stieden lil genituri imorru ghandu fejn kien jirrisjedi barra minn Malta ghal vaganza ta' gimghatejn jew tlett (3) gimghat. Xehed illi kemm ilu li ommu u huh iz-zghir hargu mid-dar matrimonjali, hu ma regghax resaq lejn id-dar matrimonjali, anke peress li beda jibza' li missieru jerga' jaghmel xi rapport kontra ommu kif kienet qieghed jaghmel, fejn kien qieghed jivvinta affarijiet li ma kienux minnhom. (Vide Dok MA1)

***AMA  xehdet ukoll permezz ta' affidavit (vide affidavit a fol 1904 et seq)*** u spjegat illi meta kienet zghira kienet tkun ommha li tghinha tqassam ix-xoghol tal-iskola, filwaqt li missierha kien ikun ix-xoghol. Tirrileva illi filwaqt li ommhom dejjem kienet tara x'tista taghmel biex huma jkollhom sjuf ta' serhan, tant li kienet anke talbet lil missierhom biex ifittxu xi villegatura l-Mellieha, missierha dejjem kien jghidilha illi m'ghandhomx flus. Isostni illi il-memorji li ghandha ta' missierha fi tfulitha, kienet li kien imur ghaliha u ghal huha MHA  wara xi lezzjonijiet jew attivitajiet extra-kurrikulari. Fis-sajf, wara x-xoghol, kien jinzel hdejhom il-bahar. Izid illi qatt ma kien jixtrilhom l-affarijiet hu, **u dejjem tiftakar illi kien jghidilhom li m'ghandux flus**. Il-presenza ta' missierha kienet dejjem wahda stramba, ghaliex hu kien ikun siket anke mal-mejda tal-ikel, izda meta kien jiltaqa' ma xi hadd li jaf, bilkemm kien jieqaf jitkellem. Lanqas ma kien juri emozzjoni jew affezzjoni lejhom, u dan ghal kuntrarju ta' ommhom. Tispjega illi meta ommha kienet tqila b'huha AA, kienet hi li kienet takkumpanja l'ommha ghal vizti medici, u meta tfarfru, hi u huha, kienu jmorru m'ommhom ghall-*concerts* tal-iskola ta' AA. **Missierhom qatt ma attenda ghal *parents' day* jew ghal xi *concert* taghhom, u lanqas ghal ta' AA**, u il-ftit drabi li

mar, ommha u missierha kienu jispiccaw jiggieldu ghaliex ommha kienet tkun waqfet tkellem lil xi hadd.

Izzid illi hafna drabi missierha kien jitlobha tikkoregilu l-kitba tax-xoghol tieghu bhal *emails,* ittri, karti tal-ezamijiet jew tal-lezzjonijiet. Tirrileva illi bhala sitwazzjoni finanzjarja familjari, hi ma kienet taf xejn fuq dan, izda kienet konxja illi ommha kienet tqassam il-flus b'tali mod li huma qatt ma kienu neqsin mill-affarijiet bazici, pero' kien missierha li kien izomm il-cards kollha tal-bank, u kien missierha li kien izomm il-flus kollha tal-banka f'idejh.

Tistqarr illi certu diskors li kien jghid missierha lil ommha kien idejaqha hafna, bhala: "Meta trid imorru naraw psikjatra", "iddejjaqt nghix 42, l-Irdoss Triq is-Salvja u ta' go fih."

**Illi f'Settembru tas-sena 2014, missierha kien qalilha waqt argument m'ommha, li huma ma kienux uliedu. Kienet qaltlu biex jekk irrid imorru jaghmlu test tad-DNA**. Illi missierha **baqa jinsisti li m'ghandux flus**, minkejja li hi kienet qaltlu **li kienet lesta thallasu hi.** Dan id-diskors tul is-snin **baqa' jigi ripetut** izda l-attur dejjem baqa' jghid li m'ghandux flus. Illi minn dak iz-zmien l'hawn is-sitwazzjoni baqghet tiggrava hafna, u meta kienet tkun qieghda Malta ghal btala, **kienet tara lil missierha jaghmel diversi azzjonijiet biex idejjaq u jiskomoda lil ommha, bhal jaghmel l-istorbju meta tkun rieqda, jghajjat, joqghod bilwiefqa ihares lejha hdejn is-sodda fejn tkun rieqda etc.**

Kien anke jibghatilha messaggi bil-lejl bhal **"Gejja s-siegha s-sewda".** Kliem dispreggattiv iehor ma kienx jonqos. Tixhed illi missierha qatt ma kien ikun irrid jirranga xejn fid-dar, u ghalhekk kien hemm stagnar shih, tant li hi u huha MHA **kienu qabdu jhallsu sabiex jitrangaw xi affarijiet bhal zebgha u manutenzjoni. Izda missierha kien jirrabja u kien jaghmel il-hsara fix-xoghlijiet li kienu jkunu ghadhom kif saru.**

Fl-affidavit taghha x-xhud ssemmi diversi episodji tiddeskrivi l-ghagir ta' missierha fil-konfront taghha, ta' hutha u ta' ommha, **fejn kien issakkarhom barra,** jaghmel **rapport mal-pulizija** li ser jitlaq mid-dar izda kien baqa' hemm, episodji fejn tinsinwa li kien hemm il-possibilita li missierhom **kien joqghod jissemma' dak li kien jintqal bejniethom etc.** Fl-2017, waqt argument, missierha kien tajjar ir-*radio* minn fuq il-*cupboard* u **ommha kienet spiccat bi tbengila f'idha x-xellugija**. Illi wara dan l-episodju l-biza' ta' ommha minn missier ix-xhud tkompliet tikber. Illi fil-bidu ta' Jannar tas-sena 2020 ix-xhud ma kienitx baqghet tkellem lil missierha, izda minkejja dan u minkejja li hi certa li la hutha u wisq inqas ommha, ma kienu

ghaddew informazzjoni lil missierha dwar fejn kienet tinstab, missierha kien baghtilha messagg fejn kien kiteb ezatt id-distanza minn Malta ghal pajjiz fejn kienet qieghda dak iz-zmien.

***CZ, oht l-attur, prodotta in kontro-ezami nhar il- 21 ta' Frar 2023*** spjegat illi huwa minnu illi hi ma tantx kienet konsapevoli ta' dak li kienet il-hajja matrimionjali ta' huha u martu, u li huma ma tantx kienu jiltaqghu. Stqarret illi hi ma kienitx taf x'inhu jigri, u li hi saret taf bil-problemi fiz-zwieg taghhom meta kien cempilha l-attur u spjegalha s-sitwazzjoni. Ikkonfermat illi meta saret taf bis-separazzjoni hi kienet cemplet lill-intimata biex isaqsiha jekk tridx li jmorru ghal kafe, biex tkun tista tghinha, izda l-intimata qaltilha illi ma tistax.

***JC prodott in kontro-ezami nar il-21 ta' Frar 2023*** ikkonferma illi bejn is-sena 2004 u 2019 huwa kienu ikollu kuntatt mal-attur meta kien ikollhom xi laqghat tal-ghalliema tal-iskola biss. Ix-xhud ikkonferma ukoll illi hu qatt ma iltaqgha mal-familja tal-attur, lanqas mal-intimata martu. Spjega illi l-informazzjoni li jaf dwar is-separazzjoni personali tal-attur, hija informazzjoni li ghaddielu l-attur u li huma ma kienux jiltaqghu barra mix-xoghol.

***Gail Debono, psikologa, xehdet nhar it-23 ta' Marzu 2023, (vide fol 1983A et seq)*** u spjegat illi l-intimata ilha klijenta taghha fil-privat minn Frar tas-sena 2019, u li s'issa ratha tmien (8) darbiet. L-intimata ipprezentat ruhha b'livell ta' stress u biza li kienu piutost gholjin u talbitha tghinha tipprocessa dak li kienet ghaddejja minnu minhabba l-process ta' separazzjoni jew tal-medjazzjoni. L-intimata kienet irrakontatilha abbuz kemm psikologiku u kemm emozzjonali li kien estrem, u filfatt hi talbet li tkellem lil uliedhom biex tikkorabora certu affarijiet, li fil-fatt ulied il-partijiet kienu ikkoraboraw pienament. Ticcara illi hi kelmet liz-zewg ulied il-kbar peress li AA dak iz-zmien kien ghadu minorenni.

Ix-xhud irrilevat illi ghalkemm l-intimata qatt ma irrakontatilha illi kien hemm abbuz fiziku, kienet tghidilha ta'sikwiet illi kienet tibza' minn zewgha ghaliex ma kienitx taf sa fejn hu kapaci jasal. Maghha semmiet kif zewgha kien jimmanipulaha, meta kien jaraha taht livell ta' stress, u kif kien jithaq biha, u izeblaha, jghajjarha u spicca biex aljenaha minn mal-familja u l-hbieb taghha. Minkejja li kienet il-persuna li kellha l-licenzja ta' *lotto receiver*, b'xi mod zewgha, kien irnexxilu jaghmel il-banka tal-lottu fuq ismu, u qalilha biex ma tersaqx iktar l'hemm. Wara dan l-epiosjdu l-intimata kienet iddecidiet li tiftah l-medjazzjoni, u f'dan il-punt zewgha kien waqaf jaghtiha paga jew il-manteniment ghal AA; kien anke akkuzaha li kellha imgieba mhux xierqa ta' natura sesswali ma' AA; akkuzaha li kienet vjolenti lejn dan it-tifel; u kien anke ghamel diversi

rapporti mal-pulizija li hi kienet harbet meta kienet qieghda tiekol ma' uliedha; u li serqet il-*modem* tad-dar etc.

Kien hemm hafna istanzi ta' *gaslighting* u abbuz. Isostni illi kemm l-intimata u kif ukoll uliedha stqarru maghha illi kienu qeghdin ihhosuhom vulnerabbli u f'riskju anke peress li saru jafu li missierhom kellu informazzjoni sensittiva taghhom ad insaputa taghhom u li anke kien isir jaf b'certu konversazzjonijiet li kien ikollhom ma ommhom. Ziedet illi t-tfal qalulha li meta kienu jkunu d-dar missierhom "*would creep up on them*". L-intimata qaltilha illi kien hemm zmien fejn jisforzaha f'certu pozizzjonijiet sesswali. Xehdet illi l-intimata u t-tfal kellhom livell ta' stress u tenzjoni gholja.

Ix-xhud spjegat illi li l-intimata giet sottoposta ghal zewg testijiet; *satisfaction with life scale* u r-*Rosemburg testing scale*, fejn l-*iscore* kien 6 u 15 rispettivament, *scores* li huma baxxi mmens u testijiet ohra fejn irrizultat dipressjoni. Izzid illi meta l-intimata kienet tirrakuntalha dawn l-episodji, kienet titrieghed u titkellem minn taht l-ilsien, u kienet "*very subdued*" bhala persuna. It-tfal prezentaw xi haga ohra; huma ma jghixux Malta u l-affarijiet li jafu huma affarijiet li inzertaw raw meta ikunu Malta, imma mhumiex esposti ghalihom u fil-fatt iktar prezentaw rabja pero' mmanifestaw livell gholi ta' biza' specjalment minhabba l-fatt li missierhom kellu access ghal informazzjoni privata taghhom.

***L-intimata xehdet ukoll permezz ta' affidavit (vide fol 1992 et seq***) u spjegat illi hi iltaqghet mal-attur meta kellha dsatax (19) – il sena, u l-attur kellu tlieta u ghoxrin (23) sena. Wara tmien snin flimkien, izzewgu fit- 8 ta' Gunju 1985. Tirrileva illi meta kienu ghadhom namrati, l-attur kien jiddejjaq meta kienet tkellem irgiel ohra, anke jekk dawn membri tal-familja u kien ikollhom xi jghidu fuq dan. Kien ukoll joggezzjona ghall-ilbies li kienet tilbes minkejja li kien ilbies dicenti, u anke joggezzjona ghal meta kienet tuza l-make up. Izzid illi qatt ma kien jikkumplimentaha, u meta kien jikkumenta kien biss b'mod dispreggattiv. Kien ihobb jaghtiha l-kedded u qatt ma kien jixtrilha rigal ghall-ebda okkazzjoni u l-unika darba li xtralha rigal kien meta giet maghzula bhala ' *Lotto Receiver*' u fil-fatt kienet stramba meta kienu ghaddejjin mill-proceduri ta'separazzjoni, f'San Valentinu kien xtara fjuri ghaliha u ghal AA .

Tispjega illi l-attur qatt ma kien bniedem socjevoli, u ma kienx jiehu pjacir johorgu ma tal-familja, u lanqas ma kien ihalliha tkompli ma' tal-familja, u dejjem ra kif ghamel biex jaqtagha minn man-nies qrib taghha. L-attur bniedem ta' ftit kliem u ghalhekk kien ikun difficli tkun taf fejn qieghda mieghu. Illum m'ghadux kwiet, u jkun pront jghajjarha, jigdeb fuqha u familtha. Tistqarr illi qatt

ma rat apprezzament da parti ta' zewgha, lanqas fil-bidu taz-zwieg taghhom.

**Rigward spejjes, l-attur kien dejjem jghidilha illi ma kellux flus, u ghalhekk l-ispejjes tat-tieg hallsithom kollha hi, filwaqt li l-genituri taghha hallsu ghal *catering* tat-tieg u tal-*engagement.*** Tichad li hi kienet refghat idejha fuq l-attur ghaliex qabel it-tieg kellha hafna tensjoni anzi tant kienet kalma li gabet il-licenzja tas-sewqan. Illi t-tieg kien wiehed sabih u kien hemm sens ta' ghaqda u kuntentizza, illi pero' llum tqis li f'mohhu kien diga kellu pjan ta' sfregju.

Fir-rigward tad-dar matrimonjali, l-attur qatt ma kien jiehu inizjattiva, izda fl-1981, kienu hargu l-applikazzjonijiet ghall-plots tal-Gvern, u kienu applikaw it-tnejn li huma. Illi imbaghad kienet telghet l-applikazzjoni tal-attur u hadu il-Plot 27 fiz-Zonqor, Wied il-Ghajn. Tixhed illi hi ghamlet diversi spejjes fil-post, fosthom kmamar tal-banju, tarag tal-irham, tarag tal-muzajk, madum tad-dar kollha, btiehi, u *front garden,* u anke hallset il-haddiema li ghamlu dan ix-xoghol. Kienet ukoll xtrat kamra tas-sodda, is-salott, il-linef, u hadet id-dota kollha, inkluz il-*cooker, fridge,* u *washing machine.* Ziedet illi missierha kien ikun kuljum jahdem fuq dan il-post fejn kien qatta t-trinek tad-dawl u ilma, garr it-terrapien, u bajjad id-dar kollha. Illi minkejja dan l-attur wera biss disprezz u tmaqdir.

Fuq il-kuntratt tal-post, kien deher biss l-attur u minkejja li kienet tghidlu biex jaghmlu kitba notarili sabiex ikun iccarrat li l-post huwa tat-tnejn, l-attur qatt ma accetta, izda hi kellha ddawwar il-ftit flus li kellha mgemma fuqhom it-tnejn. Meta zzewgu hi kienet hadet **il-*marriage grant* fl-ammont ta' LM 1556, u liema somma intuzat biex inxtrat vettura li l-attur ghamel fuq ismu u li kien isuq hu biss**. Fl-2003 inxtrat karozza ohra Maruti, li kellha tkun ghall-uzu taghha **izda snin wara saret taf li l-karozza registrata fuq l-attur ukoll.** L-attur lanqas ried li jaghmlu testment u li jhallu lil uliedhom eredi u dak li allega hu li qaltlu biex jiktbilha l-wirt u tigi mieghu fis-sodda u taghmel li jrid hu mhux minnu! Pero' minkejja kollox hi dejjem baqghat tafdah. Isostni illi sa mill-bidu taz-zwieg l-attur kien dejjem jaghtiha l-kedded, anke meta kienet tqila bl-ewwel wild taghhom, izda minkejja li ilhom fid-d dar tletin (30) sena, diversi affarijiet baqghu ma sarux, bhal bibien ta'gewwa. L-attur dejjem kien isostni illi m'ghandhomx flus. **Illi filfatt kien binhom MHA li nefaq hafna flus biex irranga d-dar.**

Fir-rigward it-trobbija tat-tfal, l-attur qatt ma ghena f'xejn, u r-responsabbilta' tat-tfal kienet dejjem fuqha. L-attur dejjem wera nuqqas ta' mhabba u kura lejn uliedhom anke meta kienu jkunu ma jifilhux. Wisq inqas ma kien ikun irrid johorgu flimkien bhala familja. Kienu ommha u missierha li kienu jghinuha bit-tfal kull filghodu. L-attur lanqas ma kien jaghtiha flus biex tixtri

hwejjeg ghaliha u ghal uliedha, u meta kibru it-tfal il-kbar kienu huma li kienu jixtrulha hwejjeg ghaliha u ghal AA . L-attur kien sahansitra jiehu il-flus li kien jirnexxilha tfaddal ghal xi safra bit-tfal, u **lanqas qatt ma kien ihalliha iggor il-cards tal-bank taghha, jew li tuza ATM.**

F'Dicembru tas-sena 1991 l-intimata saret *Lotto Receiver,* u tul iz-zmien kellha diversi banek tal-lottu. Il-qliegh kien ta' madwar tmint' elef ewro fis-sena u minn dan l-ammont riedet tnaqqas in-*National Insurance*, tiswija, dawl, ilma u kera. Hi u l-attur kienu jinqasmu bejniethom, illi pero' il-banka kienet taghha, u l-attur kien jghinha biss bhala *substitute.*

Fl-2017 hi kienet applikat biex tiehu l-banka tal-Lotto gewwa z-Zejtun peress li kienet giet vakata. Meta l-applikazzjoni taghha giet milqugha, hi u l-attur marru jaraw il-Banka, u l-attur kien qalilha biex hi ma tersaqx l'hemm ghaliex kien ha johodha hu. Dan il-kliem ma kienx ghogobha u ghalhekk waqfet l-applikazzjoni u hadet id-decisjoni li l-tiehu l-banka tal-Isla kompletament f'idejha u tnehhih minn *substitute.* F'dan iz-zmien l-attur kien spicca mix-xoghol principali tieghu bhala ghalliem u kien irtira. Malli bdiet tahdem il-Banka wahedha, waqaf jaghtiha l-flus ghall-ikel kemm ghaliha u kif ukoll ghal AA . Meta hija hadet il-banka tal-Isla lura, l-ammont li sabet **kien biss ta' EUR 3, 758.12.** Illi ghalhekk gibdet €2000 mill-kont tal-APS taghhom u poggiethom il-Banka biex ikollha flus biex tahdem, li hija ftit inqas minn sehemha mill-kont. Dik il-habta l-attur kien qieghed ibattal il-kont. **Illi fil-kont li kellhom l-HSBC ukoll ma halliex flus.**

Illi sussegwentement l-attur kien qalilha li kien ser ihaddem il-banka tal-lottu taz-Zejtun wahdu, u filfatt stqarret illi hi ma kienitx taf li l-attur kellu permess mill-Malta Gaming Authority biex jaghmel dan. Illi l-attur kien ikun jaf dak kollu li kien jintqal bejnha u bejn uliedha, u anke dak li jkunu qieghdin jaghmlu u dan kien kien jikkawza tensjoni kbira fl-intimata ghaliex minkejja li hi u uliedha ma kienu jghidulu xejn, l-attur kien ikun jaf b'kollox, anke bil-movimenti kollha taghhom.

L-intimata xehdet fit-tul fuq il-kontroll assolut li kellu l-attur fuq il-flus, u minkejja li kellu dhul minn bnadi differenti, dejjem kien jishaq illi m'ghandux flus, **u kien anke eziga li jnehhu lill-minuri AA  minn skola ta' knisja biex la jhallas transport u lanqas mizati tal-iskola**. Tispjega illi kellha ukoll tiftah PO Box biex il-posta taghha u ta' AA  kienet tmur hemm flok id-dar ghaliex l-attur kien izomm kollox mistur minnhom, tant li f'sena skolastika minnhom AA  kien spicca mar l-iskola minghajr il-hlasijiet necessarji u l-kotba. Tixhed illi l-attur kien anke skonnettja l-modem tal-internet tant li kellha bzonn terga taghmel installazzjoni mill-gdid.

Ta'allarm ghall-intimata kienet meta l-attur beda jallega li hi kienet qieghda tabbuza minn AA , u dana ghaliex wara li l-attur qaghad jghajjat ghalxejn ma' AA , kienu dahhlu fil-kamra tas-sodda biex jaharbu mill-attur. Spjegat kif l-affarijiet baqghu sejrin mill-hazin ghall-aghar u l-attur baqa' jaghtiha iktar kedded u jaghmilha hajjitha iktar difficli. Illi ma' dawn kien hemm ukoll it-tghajjir, azzjonijiet hziena, malafama u akkuzi kontinwi u taghti diversi ezempji ta' dawn fl-affidavit taghha. Isemmi ukoll illi meta bdiet il-kawza ta' separazzjoni l-attur kien qieghed jaghmilha diversi rapporti mal-Pulizija. Illi dan kollu hallha effett hazin fuq is-sahhitha, tant li waslet f'punt fejn kienet tibza f'darha stess, anke ghaliex ma kienitx taf sa fejn kapaci jasal l-attur. Illi din il-biza' kienet anke tahkimha meta l-attur ma kienx ikun qieghed id-dar. Illi fil-fatt wara diskussjoni ma' AA , hadet id-decisjoni li titlaq temporanjament mid-dar flimkien ma' AA , izda illum irrealizat li dan l-agir tal-attur kien orkestrat propju biex hija tispicca titlaq mid-dar. Illi minkejja dan, hi ta' spiss ghadha tmur izur id-dar u kull meta taghmel dan, **ssib lill-attur iwettaq atti minghajr il-permezz taghha u malli harget beda jaghmel hafna spejjes relatati ma' affarijiet godda ezatt kif hi harget mid-dar.**

***Mario Azzopardi rapprezentant tal-MEDE xehed permezz ta affidavit (vide fol 2157 et seq)*** u x-xhud spjega illi hu ufficjal fi grad 5 fid-Direttorat tar-Rizorsi Umani fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Isport iz-Zghazagh, ir-Ricerka u l-Innovazzjoni u indika illi flimkien mal-affidavit tieghu, ix-xhud prezenta l-informazzjoni relattiva ghall-impjieg tal-attur mal-imsemmi Ministeru.

Ix-xhud indika illi l-attur huwa impjegat bhala ghalliem irtirat fuq kuntratt definit. L-attur beda l-impjieg tieghu fit-22 ta Marzu 1976 u irtira fl-24 ta' Jannar 2015 fl-eta ta' 61 sena. Sussegwentement gie reklutat fil-11 ta' Novembru 2019 bhala ghalliem irtirat fuq bazi ta' kuntratt definit minhabba nuqqas ta' mpjegati f'dan is-settur. Illi l-kuntratt gie mgedded kull sena skolastika skont il-htiega. Illi l-ingagg kurrenti jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2022. Illi l-attur huwa *deployed* fl-iskola Sekondarja tal-Mosta bhala *Graphical Communictaion teacher,* u bejn it-3 ta' Ottubru u t-30 ta' Settembru 2017, l-attur kien inghata kuntratt ta'servizz bhala *Trainer* fi progett *Youth Inc* wara sejha pubblika. Illi l-hlas ghal dan il-progett kien mill-Agenzija Zghazagh.

***L-attur in kontro-ezami nhar it-12 ta' Gunju 2023 (vide fol 2178A et seq)*** ikkonferma illi huwa hareg bil-penzjoni fis-sena 2015. Zied jikkonferma illi talli kien ghamel tletin sena servizz mal-gvern, inghata somma fl-ammont ta' hamsin elf ewro (EUR 50,000), hdax- il elf minnhom (EUR 11,000) hadhom hu, filwaqt li hdax- il elf ohra (EUR 11,000) inghataw lill-intimata permezz ta' bank transfer mill-kont tieghu ghall-kont tal-intimata. Dan it-transfer sar fi zmien gimgha minn meta inghata s-somma. Illi mill-bilanc rimanenti saret *maintenance* fid-dar, fejn nefqu madwar

sebat elef ewro (EUR 7000), siefru, u kienu ghamlu ghaxart ijiem Brussell ghand it-tifel, xtara karozza Chevrolet Spark li kienet tiswa madwar hdax- il elf ewro (EUR 11,000).

Mistoqsi fuq il-pensjoni, l-attur jikkonferma illi hu ghandu zewg pensjonijiet, wahda tat-tezor u ohra tas-*social service* u b'kollox jircievi madwar EUR 1350. Wara li irtira rega dahal jahdem mal-education fuq bazi *part-time* u jippercepixxi madwar EUR 2000 fix-xahar. Mistoqsi rigward l-applikazzjoni ghal *lotto receiver*, jixhed illi kien dam madwar erba' (4) jew hames (5) snin fuq il-waiting list, u meta applika kien qorob l-eta tal-irtirar. Jikkonferma illi hu kien infurmaha lill-intimata illi kien applika bhala lotto receiver u filfatt kien hadha l-kazin iz-Zejtun biex tara l-post fejn kien x'aktarx ser japplika u ghalkemm hu applika f'ismu, hu ried juriha fejn kien ser jiehu bhala premises. Dik il-habta kien hemm hames (5) vacancies, iz-Zejtun, il-Furjana, il-Marsa, Rahal Gdid u l-Mosta, jew x'imkien in-naha ta' fuq, u l-iktar li kienet vicin kienet dik taz-Zejtun. Zied jispjega illi hu kien ilu bil-licenzja bhala *substitute* minn dejjem, u hu sar jaf b'dawn il-vacancies mic-cirkulari li kien jircievi. Jishaq illi hu lill-intimata kien jghidilha biex tipprova ssib banka ahjar halli javvanzaw iktar fl-intorjtu izda l-intimata riedet li tibqa' l-Isla ghaliex in-nies kienet drathom.

Isostni illi hu halla madwara disat elef ewro fil-banka, liema somma tinkludi kollox, anke *cards* tal-*mobile*. Jixhed illi l-banka taz-Zejtun bdieha bl-EUR 1500 li dahal mill-kuntratt ta' servizz mal-Agenzija Zghazagh. Jikkonferma illi l-pensjoni tidhol f'kont personali intestat f'ismu izda fuq dan il-kont hemm zewg *cashlinks*, wahda ghalih u l-ohra ghall-intimata u jichad li llum terzi ghandhom *cashlink* marbuta ma' dan il-kont.

Rigward il-kwistjoni tad-DNA, jishaq illi kienet l-intimata li riedet taghmel dawn l-accertamenti u mhux hu, **u hu dejjem stqarr illi ma kellux flus x'jahli.** Zied illi meta uliedu kellhom bzonn interventi medici, dawn saru fi sptar privat.

Fir-rigward tad-dar f' Marsaskala, l-attur spjega illi hu kien applika ghalih u l-intimata applikat ghaliha, u dana peress li l-applikazzjoni taghhom kienet differenti mill-iskemi kollha l-ohra li hargu u kienu ghalhekk applikaw b'mod separat.

***L-intimata in kontro ezami nhar l-20 ta' Gunju 2023 (vide fol 2180 et seq)*** tinnega illi hi kienet titfa' dubju f'mohh zewgha dwar il-paternita ta' uliedhom u rrilevat illi uliedhom it-tlieta huma tal-attur izda tikkonferma illi dan huwa argument li ilu jigi diskuss tul iz-zwieg kollu. Tixhed illi darba minnhom kienu marru l-Imsida bit-tir li jsir it-test tad-DNA imma l-prezz ghal dan l-ezami

kien gholi wisq. F'dan l-istadju ma kienx ghadu kellhom it-tielet wild.

Rigward l-applikazzjoni ghad-dar taghhom, tishaq illi l-formola kienet intiza ghall-koppji gharajjes u li fil-fatt huma kienu ghamlu anke celebrazzjoni tal-gherusija. Mistoqsija jekk qattx kellhiex *boyfriends* qabel l-attur, tishaq illi hadd qatt ma dahal ghand ommha hlief l-attur. Spjegat illi r-relazzjoni taghhom minn dejjem kienet bil-problemi, u tinnega illi hi, anke fi zmien l-gherusija, kienet refghet idejha fuq l-attur. Tikkonferma illi fir-rigward l-applikazzjoni kienet telghet l-applikazzjoni f'isem l-attur u ha plot u hi dejjem kienet involuta anke fid-dizinn tal-pjanta. Tixhed illi l-attur kien ha loan ta erba t'elef lira li kienu intuzaw biex isir l-ewwel sular. Dan il-loan beda jithallas ftit qabel ma zzewgu u thallset fiz-zwieg. Illi it-tieni sular thallas mill-attur, filwaqt li hi ghamlet gewwa. Illi minkejja dan kollu id-dar tghajjat lill-attur u mhux lit-tnejn.

L-intimata tikkonferma illi id-dar taghhom u t'ohtha huma vicin ta' xulxin u inbnew fl-istess perjodu. Tichad li l-attur kien jiddejjaq li r-ragel t'ohtha kien imur ghandhom meta l-intimata kienet tkun wahedha. Fix-xhieda taghha l-intimata taghmel referenza ghas-sensiela ta' battibekki u vendikazzjonijiet zghar li kien jaghmilha l-attur, bhal jghaddi l-gas fil-kamra fejn tkun hi, jixghel xi *torch* f' nofs ta' lejl, igorr il-purtiera tal-kamra taghha etc. Isostni illi hi ma titkellimx fuq l-attur ma' uliedhom, u b' kienet biss operazzjoni wahda li saret fi sptar privat.

B'referenza ghal *withdrawals* li saru, l-intimata tishaq illi hi ma kienitx taf tuza l-*atm cards,* u li kien zewgha li kien izzomhom. Illi meta MHA kien qieghed jirrangalhom id-dar, il-*withdrawals* li saret referenza ghalihom kienu intizi biex thallas lil MHA tax-xoghol li kien ghamilhom u l-attur kien jaf bihom u ssostni illi hi qatt ma gibdet flus ghaliha. Xehdet illi l-attur gieli refa' jdejh fuqha u kkonfermat illi dawn il-battibekki bdew fiz-zmien li inbdiet il-kawza. Ziedet illi l-attur mhux l-istess bniedem li kien ikun maghha d-dar, ghaliex id-dar kien joqghod b'halqu maghluq,jiekol, jistrieh, jorqod jew gieli kien iqatta' hin fil-garaxx.

***Andrew Xuereb, in rapprezentanza tal-Housing Authority xehed nhar it-18 ta' Ottubru 2023 (vide fol 2224 et seq) u in kontro-ezami*** b'referenza ghall-applikazzjoni ghall-plot li fuqha inbniet id-dar matrimonjali, ix-xhud spjega illi l-**applikazzjoni kienet fuq it-tnejn, u cioe GA u MA u huma kienu applikaw bhala gharajjes**. Issa fl-eventwalita li dawn ma baqghux gharajjes, il-*policy* tal-awtorita' kienet illi il-partijiet irridu jaqblu fuq minn ser jiehu l-plot, inkella l-plot kienet terga' tmur lura ghand l-awtorita.' Zied illi li kieku l-partijiet bagqhu gharajjes, l-awtorita' ma kienitx tidhol fiha u spjega illi l-kuntratt gie ffirmat mill-attur ghaliex dak iz-zmien ir-ragel seta jigi jiffirma. Wahda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt kienet li l-partijiet kellhom ilestu l-plot u jigi

abitat fi zmien tlett snin. Illi bhala penali minhabba n-nuqqas ta' ottemperanza mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt kien hemm multa, u ir-ripresa tal-fond. **Ix-xhud jikkonferma illi l-applikazzjoni qieghda fuq il-partijiet u giet iffirmata mit-tnejn li huma.**

Illi l-intimata ghandha ukoll applikazzjoni maghhom, fejn applikat ghall-beneficcju tal-kera ta' residenzi privata, fejn l-awtorita' qieghda tissusidjalha l-kera. Ix-xhud jikkonferma illi ma nstabet l-ebda applikazzjoni ghal plot da parti tal-intimata wahedha anke peress li wahedha ma setghatx tapplika.

***Simone Cini in rapprezentanza tad-Dipartiment inkarigat mill-pensjonijiet tas-servizz, xehdet nhar it-18 ta' Ottubru 2023, (vide fol 2229 et seq)*** u spjegat illi l-attur qieghed jippercepixxi pensjoni fl-ammont ta' **EUR 1025.58 fix-xahar**, u total ta' tnax (12) – il pagament.

***MHA , iben il-partijiet, in kontro-ezami nhar is-6 ta' Dicembru 2023,*** u b'referenza ghall-affidavit tieghu xehed illi hu ma jiftakarx fejn ha il-gurament fuq l-imsemmi affidavit. Mistoqsi jekk huwiex minnu li missieru qatt ma sawwat lil ommu, ix-xhud sahaq illi **missieru darba minnhom kien waddab radio lejn ommu u kien laqtilha idejha**. Izid illi incident wiehed kien diga' hafna u dan apparti l-abbuz verbali. Jishaq illi huwa ma jafx x'jaghmel u fejn ikun missieru stante li l-maggoranza tal-hin missieru ma jkunx id-dar.

B'referenza ghall-edukazzjoni tieghu u li l-intimat kien finanzjarjament provda ghall-istess, ix-xhud sostna illi meta wiehed ihallas l-ispejjes relatati mal-edukazzjoni, ma jkun qed jikkontribwixxi ghall-edukazzjoni. Zied illi kienet ommu li kienet tkun prezenti mieghu u li hadet hsieb l-edukazzjoni tieghu. Illi ukoll meta missieru kien jikteb il-karti tal-ezamijiet, ix-xhud kien jikkoregilu l-karti. Di piu', l-attur lanqas ma kien ikun jaf f'hiex iggradwa ix-xhud mill-universita.

Mistoqsi fuq ir-rapport tieghu ma' missieru, ix-xhud afferma illi hu dejjem ittrattah ta missier u dejjem wera rispett u ghenu kemm seta' pero, meta bdew dawn il-proceduri tas-separazzjoni, l-attitudni ta' missieru ma baqatx l-istess u ghalhekk ix-xhud ma setghax jibqa' f'komunikazzjoni ma' missieru. Ix-xhud ma jaqbilx illi qabel ma nbdew dawn il-proceduri ir-rapport ma' missieru ma kienx wiehed tajjeb hafna.

***AMA bint il-partijiet in kontro-ezami nhar is-6 ta' Dicembru 2023*** ikkonfermat illi l-affidavit redatt minnha, ghamlitu minn jeddha u mhux fuq struzzjonijiet ta' ommha. Xehdet illi r-relazzjoni

taghha ma'entrambi genituri kienet wahda simili illi pero' minhabba l-agir ta' missierha, ir-relazzjoni taghha mieghu ma setghatx tibqa' kif kienet fil-passat. Mistoqsija jekk ommha qatt giet msawwtha minn missierha, ix-xhud irrilevat illi ma tistax titkellem u li meta eskalaw l-affarijiet, ommha ghaddiet minn sitwazzjoni fejn l-intimat wegghaha b'radio. Mistoqsija jekk kienitx hemm ghal dan l-episodju, ix-xhud spjegat illi hi kienet fuq u nizlet u rat illi kien hemm tbengil fuq id ommha. Ziedet illi meta bdew dawn il-proceduri, l-azzjonijiet ta' missierha ma kienux azzjonijiet sbieh. Ix-xhud sostniet illi kien hemm abbuz mentali, fejn ommha kienet qieghda tigi intimidata go darha stess. Illi ukoll tishaq illi hi ma tistax tikkumenta fuq kif missierha iqatta' l-hin tieghu ghaliex ma tafx fejn kien ikun missierha. Ziedet illi hi ma tafx x'persuna hu missierha, ghaliex kif bdiet s-separazzjoni, rat f'missierha persuna differenti.

Rigward l-edukazzjoni taghhom,ix-xhud tenniet illi missierha finanzjarjament provda ghall-edukazzjoni taghhom, pero kienet tkun ommhom li kienet tkun fizikament maghhom u li effettivament hadet hsieb l-edukazzjoni taghhom. Mistoqsija jekk tafx li kienet ommhom li bdiet din is-separazzjoni, ix-xhud irriteniet **illi ommha kienet fethet il-medjazzjoni, izda l-proceduri odjerni infethu minn missierha**. Ziedet illi ommha fethet il-medjazzjoni minhabba s-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha id-dar. Mistoqsija jekk hux ghax ommha bdiet tahseb li missierha kellu mara ohra, ix-xhud indikat illi hi ma tistax titkellem fuq hekk u li din id-domanda ghandha tigi maghmula lil ommha. Mistoqsija jekk kienitx staqsiet lil missierha jekk kellux mara ohra, ix-xhud indikat illi ma tiftakarx.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba u kontestwali kontro-talba fejn entrambi partijiet qieghdin jikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-parti l-ohra. Illi fir-rikors promotur u l-kontro talba relattiva, il-partijiet jimputaw l-istess ragunijiet lil xulxin ghat-tifrik tz-zwieg taghhom, u cioe: **sevizzi, mohqrija, theddid, u ingjuri gravi.**

Fir-rigward ta' eccessi intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge."*[1] *Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in***

[1]Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214

***pericolo la salute e per fino la vita della vittima."*[2]**

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal stratagemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."[3] Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". [4] Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o***

---

[2] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35
[3] Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951
[4] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

> ***l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CB*** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija hamsa u tmenin (1985) gewwa l-Parocca ta' San Lawrenz, il-Birgu, u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-zwieg esebit in att *a fol 9* tal-atti. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tliet (3) ulied: MHA li twieled nhar X, AMA li twieldet nhar Y, u huma it-tnejn maggiorenni, u AA li twieled nhar is-Z. Illi ormai AA , huwa ukoll maggiorenni, pero' ghadu jistudja.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u din il-Qorti fuq ix-xhieda estensiva prodotta tqis illi huwa l-attur li huwa unikamenti responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet. Illi f'dawn il-proceduri, din il-Qorti riskontrat zewg versjonijiet diametrikament opposti, fejn filwaqt li l-attur sahaq illi martu kellha kontroll assolut tal-finanzi, u tal-hajja matrimonjali taghha, u li kien hu li ibaxxi rasu ghal dak kollu li timponi martu, l-intimata minn naha l-ohra issostni ezattament l-oppost u cioe' illi filwaqt li hi dejjem addossat r-responsabbiltajiet kollha li ggib maghha l-hajja mizzewga inkluz it-trobbija tal-ulied, zewgha kien jimmanipulaha psikologikament, kien verbalment abbuziv, u kellu ukoll kontroll assolut tal-finanzi tal-familja.

Apparti id-diversi testimonjanzi tal-partijiet tul il-mori tal-proceduri, din il-Qorti kellha l-opportunita' li tiehu konjizzjoni tax-xhieda ta' CZ, oht l-attur u dik ta' JC, kollega tal-attur. Illi t-testimonjanza ta' dawn ix-xhieda titfa dawl fuq il-personalita' tal-attur f'kuntesti ohra barra l-ambitu tal-kuntest familjari u cioe: f'kuntest ta' post tax-xoghol u f'dak tal-familja estiza. It-tnejn jirrimarkaw illi l-attur huwa bniedem ta'ftit kliem, bniedem kalm u li dejjem dispost biex jghin lil haddiehor. Illi pero' dawn ix-xhieda fil-fatt ma kienux midhla tar-relazzjoni familjari bejn l-attur u martu u bejn l-attur u uliedu.

Illi fil-fatt din il-Qorti tosserva illi kienet x-xhieda ta' ulied il-partijiet li effettivament tefghet taht ir-riflettur id-dinamici familjari tal-partijiet. Illi din il-Qorti riskontrat risonanza fix-xhieda ta' MHA u AMA ahwa A, fejn filwaqt illi t-tnejn qablu illi missierhom tul it-trobbija u t-tfulija taghhom kien iktar mhedi f'xoghlu u fil-flus, din in-nuqqas ta' presenza fizika tul tfulithom ma kienitx motiv ta' disrispett jew disprezz lejn missierhom, tant illi kif jirrizulta mix-xhieda ta' MHA , kien hemm diversi drabi fejn MHA, flimkien ma' ohtu hallsu ghal bosta safriet, *weekend breaks* u, filwaqt li MHA anke ghen lill-partijiet fir-renovar tad-dar matrimonjali. Illi hija l-

fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-ulied il-kbar tal-partijiet dejjem kienu xhieda tal-abbuz verbali u manipulazzjoni psikologika ta' missierhom versu ommhom, u kien biss meta dan l-agir lahaq estremi godda, li huma tterminaw kull rapport ma' missierhom:

| | |
|---|---|
| ***Av:*** | ***Kemm ilkom bl-inkwiet int u l-papa?*** |
| ***Xhud:*** | ***Jien dejjem ittrattajtu ta missier u dejjem urejtu rispett u dejjem ghintu u dejjem ghint kemm stajt pero meta bdew dawn il-proceduri tas-separazzjoni, l-attitudni tieghu ma stajtx nibqa jkolli komunikazzjoni mieghu. Pero, sa qabel is-separazzjoni dejjem trattajtu ta missieri u dejjem I went over and above bl-affarjiet li kienu mistenniha minni.*** [5] |

Illi din il-Qorti ma tqisx illi l-attur kien fizikament vjolenti jew aggressiv ma' martu l-intimata fuq bazi regolari, u dan johrog car kemm mix-xhieda tal-psikologa Gail Debono fejn affermat illi l-intimata qatt ma qasmet maghha episodji ta' vjolenza fizika, u kif ukoll mill-mod ta' kif xehdu MHA u Anne Marie ahwa Agius in kontro-ezami meta konfrontati fuq dan:

| | |
|---|---|
| ***Av:*** | ***Rajtu b'ghajnejk lil missierek imiss lil ommok?*** |
| ***Xhud:*** | ***Is-sitwazzjoni kienet bizzejjed li kienet diga bidu, wahda wkoll, is-sitwazzjoni anki jekk ikun hemm darba diga hemm hafna u l-affarjiet komplew jiskalaw mill-attitudni tieghu. U swat mhux swat biss fiziku imma kien anki swat mentali. Jekk inti persuna tintimidaha go darha stess nistghu nkomplu sejrin hekk. U wahda hija .. m'hemmx ghalfejn avukati f'dawn l-affarjiet.*** [6] |

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak rilevat mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fejn isostni illi martu uzat lil uliedhom bhala arma, u li dan huwa kaz car ta' *parental alienation*. **Illi ulied il-partijiet MHA u AMA meta inqalaw il-problemi matrimonjali kienu gja adulti ta' eta' relattivament matura, indipendenti anke finanzjarjament mill-genituri taghhom. Ghalhekk din il-Qorti ma tqisx illi setghu gew manipulati jew mixtrija kif qieghed jallega l-attur, specjalment meta kienu dawn l-istess ulied li dejjem kienu mill-aktar generuzi versu entrambi genituri.** Illi l-psikologa Gail Debono stqarret illi hi riskontrat rabja f' AMA u MHA

[5] *Vide* xhieda in kontro ezami ta' MHA tas-6 ta' Dicembru 2023.

[6] *Vide* xhieda in kontro ezami ta' AA tas-6 ta' Dicembru 2023.

versu missierhom ghal dak li minnu missierhom kien qieghed jghaddi lil ommhom u lilhom.

It-testimonjanza tal- psikologa Gail Debono, li xehdet nhar it-23 ta' Marzu 2023, *(vide fol 1983A et seq)* filfatt tkompli tikkorabora l-versjoni tal-intimata u dik ta' ulied il-partijiet. Debono xehdet illi l-intimata ipprezentat ruhha b'livell ta' stress u biza li kienu piutost gholjin. L-intimata kienet irrakontatilha b'abbuz kemm psikologiku u kemm emozzjonali li kien estrem, u filfatt Debono kienet talbet li tkellem lil ulied il-partijiet biex tikkorabora certu affarijiet, **li filfatt kienu gew ikkoraborati bis-shih minn ulied il-partijiet ukoll.** Fit-testimonjanza taghha Debono spjegat kif mit-testijiet klinici li hija sottoponiet l-intimata ghalihom l-*iscores* tal-intimata kienu baxxi mmens u minn testijiet ohra irrizultat dipressjoni. Izzid illi meta l-intimata kienet tirrakuntala dawn l-episodji, **kienet titrieghed u titkellem minn taht l-ilsien, kienet *"very subdued"* bhala persuna**. Illi dan mhuwiex difficli biex jitwemmen li l-intimat giet "*subdued*" minn zewgha, specjalment meta din il-Qorti *di prima persona* sahansitra semghet lill-attur jichad tmien (8) snin l-gherusija tieghu mal-intimata ghall-finijiet specifici.

Il-Qorti rat ukoll kif l-attur tul il-process ta'separazzjoni beda jezercita kontroll fuq familtu billi issa kien qieghed jissemma konversazzjonijiet bejn martu u uliedu, jibghat messaggi intimidanti li kienu jikkontjenu informazzjoni li uliedu ma kienux infurmawh biha, jintercetta l-posta tal-attrici, jimpedihom milli jistriehu b'mod seren. Iben il-partijiet AA fl-affidavit tieghu stqarr illi:

> ***" M'ghandniex liberta' naghmlu dak li nixtiequ, ma nistghux nimxu l'quddiem b'dan il-mod u m'ahniex liberi jew komdi li naghmlu li rridu f'darna- inhossni qisna qeghdin go habs mieghu."*** [7]

Illi minkejja li l-attur ghamel diversi allegazzjonijiet dwar l-infedelta' ta' martu, ma ngabu l-ebda provi li jikkoraboraw dak minnu allegat. Illi li kieku vera l-intimata kellha xi dubju dwar il-paternita' ta' uliedha, kif qieghed isostni l-attur, certament ma kienitx ser tkun l-intimata stess li ddahhal dan id-dubju f' mohh l-attur, kif insinwa l-attur fl-affidavit tieghu, u anke fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Illi hija iktar verosimili l-versjoni moghtija mill-intimata u ulied il-partijiet, li l-attur biex ikompli iwegga lil-martu u lil uliedu, kien b'mod regolari jaghmel dawn l-insinwazzjonijiet. Illi minkejja t-trapass tas-snin u minkejja talbiet ripeturi mill-intimata u minn ulied il-partijiet, l-attur baqa' jinsisti li ma jridx jaghmel DNA Test fuq uliedu ghax ma kellux flus – asserzjoni al kwantu irrizorja meta wiehed iqis l-investimenti u l-flus li l-attur irnexxielu jfaddal fil-kors taz-zwieg. Illi filfatt kien biss fil-mori ta' dawn il-proceduri illi ghazel li

[7] Vide Affidavit ta' AA a fol 18 et seq fl-atti tar-rikors 228/2018/2.

jipprezenta rikors  sabiex isir test tad-DNA.

Illi huwa evidenti ukoll illi sa mill-fazi tal-gherusija taghhom, l-attur kien possessiv lejn martu, u kien jghir meta martu tircievi attenzjoni da parti ta' irgiel ohra, anke jekk tali attenzjoni kienet minn membri maskili tal-familja. Illi filfatt, dan l-aspett, gie anke osservat minn bint il-partijiet fejn fl-affidvit taghha spjegat illi meta l-ftit drabi li l-genituri taghha kienu jkunu l-iskola f'daqqa, kien jinholoq il-glied, ghaliex meta missierha kien jara l-ommha tkellem ragel iehor, kien juriha li ma kienx qieghed jiehu pjacir b'dan, tant li meta ommha kienet tispicca tiltaqa' ma xi hadd kienet imbaghad taqta' fil-qasir ghaliex kienet taf li ser taqlaha minghand missierha.

Illi ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-attur bl-agir tieghu rrenda l-hajja matrimonjali u l-konvivenza mieghu wahda insopportabbli kemm ghal martu u kif ukoll ghal uliedu ghaliex qatt ma gharaf igwadi lil familtu u juri apprezzament lejhom ilghaliex kien dejjem mohhu fil-flus u f'kemm ser iwarrab u wera xehha kbira ghal kull sold li kellha bzonn il-familja, sakemm bieghed lil kull membru tal-familja. Illi kien propju dan u l-agir tal-attur versu martu li wassal lil uliedu biex jitterminaw kull rapport mieghu, ghaliex ulied il-partijiet kellhom missier li emozzjonalment qatt ma kien disponibbli ghalihom, u kien diversi drabi jaghmilhom il-bsaten fir-roti anke waqt l-istudji taghhom, fejn kien jippretendi li jghinu lilu b'xoghlu flok ma jistudjaw ghall-ezamijiet taghhom.[8] Illi minkejja li l-intimata dejjem kienet mara habbrieka, u innovattiva fl-ideat taghha biex tipprova ttejjeb l-ghixien tal-familja, **l-attur kien jiehu pussess hu ta' tali inizjattiva a skapitu tal-istess martu**. Il-dan kollu huwa riflessjoni cara tal-karattru rghib tal-attur u minkejja li l-intimata kienet mara habbrieka li kienet tlahhaq mad-dar, ma' uliedhom u anke ma' xoghol barra d-dar, **kien hu li kellu pussess totali tal-finanzi tal-familja. Ix-xehha estrema tal-attur, il-mod li bih ippermetta lill-uliedu jghixu go dar nieqsa minn riparazzjonijiet u manutenzjoni regolari, l-allegazzjoni ripetuta li t-tfal tal-kontendenti ma kienux il-wild tieghu, l-allegazzjoni illi martu kellha rapport sesswali mat-tifel iz-zghir, il-mod li bih l-attur kien jivvendika ruhu b'azzjonijiet hziena bhal tisbit ta' bibien meta il-familja tkun ghadha rieqda, torch f'ghajnejn membri tal-familja meta jkunu reqdin, it-tehid tal-posta tal-membri tal-familja, is-segwir tal-passi u tal-konversazzjoni tal-membri tal-familja, ghamlu l-hajja ta' l-intimata u tat-tfal tal kontendenti infern.**

Illi ghalhekk u fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti rrizulta b'mod ampju illi l-attur mhux biss naqas bhala konjugu izda ukoll bhala missier versu uliedu.  L-imgieba tal-attur tul iz-zwieg tieghu

[8] Vide Affidavit ta' MHA   .

mal-intimata u ma' uliedu hija deplorabbli u daqskemm censurabbli, u tirraprezenta ksur lampanti tad-doveri tal-intimat bhala ragel mizzeweg u d-doveri tieghu ta' missier versu uliedu.

Fid-dawl tal-premess, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula, din il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> ***"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikolu 51 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, u in vista tal-konsiderazzjonijiet maghmula sopra, din il-Qorti hija tal-fehma illi s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili isibu applikazzjoni, u ghalhekk tapplika tali sanzjonijiet kontra l-attur. Illi ghalhekk u tenut kont ta' dan, din il-Qorti tichad t-talba tal-attur ghal manteniment ghalih da parti tal-intimata.

**Komunjoni tal-Akkwisti:**

Il-Qorti tosserva illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, giet itterminata permezz ta'sentenza in parte datata 14 ta' Lulju 2021.

***Id-Dar Matrimonjali:***

Illi l-iktar punt ta' kontroversja fil-proceduri odjerni, jirrigwarda d-dar matrimonjali, bin-numru 42, l-Irdoss, Triq is-Salva Marsaskala. Illi fil-prezent jirrizulta illi l-attur qieghed jirrisjedi fl-imsemmija dar matrimonjali, filwaqt illi l-attrici qieghda tirrisjedi f'residenza ohra taht titolu ta' kera flimkien ma' iben il-partijiet AA .

Illi filwaqt li l-attur jinsisti u jishaq illi d-dar matrimonjali hija propjeta parafernali tieghu, u pproduca sensiela ta' dokumentazzjoni u xhieda ta' diversi nutara li jaffermaw dan il-punt,[9] (Vide inter alia dokumenti a fol 1267-1290 tal-atti) l-intimata tafferma illi d-dar matrimonjali tappartjeni lill-entrambi l-partijiet.

Illi kif accennat iktar 'l fuq, din il-Qorti rat illi fuq il-pedana l-attur in kontro ezami nhar it-12 ta' Gunju 2023 (vide fol 217800) **cahad l-gherusija tieghu mal-intimata**, u rriduca tali gherusija ghal rapport kazwali, fejn huma kienu:

> ***Attur: "mhux gharajjes nafu il-xulxin, le ma ghandi l-ebda certifikat li konna gharajjes***
> ***Qorti: kemm kontu ilkom***
> ***Attur: nafu l-xulxin? 8 snin***
> ***Qorti: 8 snin meta applikajtu***
> ***Attur: le le le le qisu forsi xi 5 snin.***

Din il-Qorti rat ukoll illi l-attur insista illi kien hu li hallas ghal kollox, sal-inqas centezmu kif minnu dikjarat taht gurament fix-xhieda tieghu tal-11 ta' Lulju 2019 a fol 1172 et seq u kwazi kwazi naqas milli jsemmi li kien hemm self mal-Lohombus Bank. Illi fl-istess xhieda pero l-attur sostna illi **" …l-loan kienet soft loan mill-Lohombus. Kull ma kellna tliet elef jigifieri**." Illi x-xhieda succinta tal-attur tikkontrasta d-dettal fix-xhieda tal-intimata, fejn b'certu dettal spjegat kif l-attur qatt ma ha inizjattiva sabiex isibu post flimkien u kif hi kienet saret taf li l-Gvern kien qieghed jilqa' applikazzjonijiet minghad gharajjes ghall-plots iz-Zonqor, f'Wied il-Ghajn. Spjegat illi din l-informazzjoni kienet giet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern u li t-tnejn kienu ghamlu zewg applikazzjonijiet separati u t-tnejn iffirmaw l-applikazzjoni ta' xulxin. Illi sussegwentement kienet telghet l-applikazzjoni tal-attur GA u huwa minnu li kien hu li kien mar jiffirma l-kuntratt l-Awtorita tad-Djar u kienu hadu plot number 27 fejn llum hemm mibnija d-dar matrimonjali.

L-attrici spjegat illi huma inghataw tliet snin cans biex jibnu d-dar u d-dar thallset mit-tnejn. Dak iz-zmien l-attur kien ha soft loan minghand il-Lohombus Bank fl-ammont ta' erbat elef liri Maltin (Lm 4000). Illi dan il-loan beda jithallas fis-sena 1985, is-sena li zzewgu fiha, u kienu jhalsu

[9] Il-Qorti rat illi l-intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha indikat illi dawn in-nutara ma kienux indikati fil-lista ta'xhieda. Illi minn harsa lejn ir-rikors promotur jidher illi l-attur kien indika lin-Nutar Dr Joseph Lia bhala xhud u kif ukoll nutara li ppublikaw il-kuntratti tal-postijiet relattivi tal-partijiet. Illi possibbilment huwa d-dokument a fol 943 tan-Nutar Ruben Casingena stante li d-dokument in kwistjoni huwa spjega tat-titolu tad-dar matrimonjali. (Vide inter alia dokumenti a fol 1267-1290 tal-atti).

sbatax- il Lira u nofs fix-xahar. Kienu damu jhallsuha xi ghaxar snin minkejja li setghu hallsuha f'hamsa u ghoxrin sena (25) u dana peress li mill-1992, hi bdiet tikkontribwixxi ghal din il-loan permezz ta' *lump sums*, mid-dhul li kienet iddahhal mill-banka tal-lottu. Hi baqghet taghmel hekk sakemm inqatghet l-loan tad-dar.

Illi ghalhekk u fir-rigward ta' dan il-loan jirrizulta li **l-attur ikkontribwixxa elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm 2500) waqt li hi kkontribwit tlett elef u hames mitt liri Maltin (Lm 3500).** Qabel iz-zwieg huma kienu qablu illi l-attur kellu jhallas ukoll lill-bennej u lil kahhal, madwar erbat elef ohra u hi kellha taghmel spejjes ohra fil-loan li thallsu permezz ta' tfadil mix-xoghol taghha ta' skrivana mal-Gvern li kienu **jammontaw ghal** tmint elef u hames mitt lira maltin **LM 8500** li kienu jinkludu, elf u hames mitt liri maltin (Lm 1500) ohra. Illi kien hemm ukoll it-twahil tal-madum elf u tlett mija u sebgha u sittin liri maltin (LM 1367), irham tat-tarag tmien mitt liri maltin (LM 800), u tarag tal-mosajk mija u sebghin liri maltin (LM 170), kamra tas-sodda principali sitt mija u ghoxrin liri maltin (Lm 620), Salott, hames mitt liri maltin (LM 500) TV, tlett mija hamsa u hamsin liri Maltin (LM 355). **Il-Qorti tosserva illi dak dikjara mill-intimata huwa korraborat minn provi dokumentarji a fol 1340 et seqq.**

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha migjuba fir-rigward, u taghraf illi t-testimonjanza tar-rapprezentant tal-Awtorita tad-Djar, u cioe ta' Andrew Xuereb, a fol 2224 et seq) hija konklussiva ghar-rigward.

> ***"Nixtieq naghmel korrezzjoni, kif kont ezentajt l-application diga, l-application qieghda fuq it-tnejn, li huma fuq GA u MA , huma applikaw taht gharajjes fil-kundizzjonijiet hemm gharajjes.***
>
> ***…***
>
> ***il-kuntratt gie ffirmat minghand GA ghax dak iz-zmien ir-ragel seta jigi jiffirma mir-ragel biss.***
>
> ***….***
>
> ***Il-kundizzjoni tal-harga li kont pprezentajta ukoll, hija li l-applikazzjonijiet huma miftuha ghal gharajjes u mizzewgin. <u>Single ma setax johodha, iridu jkunu gharajjes</u>. <u>L-applikazzjoni qieghda fuq it-tnejn li huma</u> <u>u giet iffirmata t-tnejn li huma</u>.***

Il-Qorti tosserva illi dan il-punt diga' gie indirizzat mill-Qrati nostrali, u filfatt fin-noti tas-sottomissjonijiet rispettivi taghhom il-partijiet jiccitaw xi sentenzi appropozitu u li jikkoraboraw

il-pozizjoni rispettiva taghhom ghar-rigward.[10]

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi t-testimonjanza tar-Rapprezentat tal-Awtorita tad-Djar hija wahda cara u inekwivoka. Illi l-applikazzjoni kienet **applikazzjoni ghall-gharajjes jew mizzewgin**, b'dana illi persuna *single* ma kiwnitx eliggibbli biex tapplika. Illi l-intendiment wara tali applikazzjoni kienet li l-kopja tibni d-dar matrimonjali fuq il-plots moghtija, **u li din il-koncessjoni inghata lit-tnejn**. Illi fuq l-applikazzjoni hemm **indikat iz-zewg ismijiet tal-partijiet, u li l-intimata ffirmat bhala l-gharusa** (vide kopja tal-applikazzjoni a fol 1334 esebita mill-intimata u dawk esebit mir-rapprezentant tal-Awtorita tad-Djar AX1-AX3 f'volum 5). Illi meta l-kuntratt gie ffirmat mill-attur wahdu, din kienet biss **"policy"** tal-Awtorita kif jirrizulta mix-xhieda tar-Rapprezentant fil-proceduri de quo u anke mid-decisjonijiet su-citati. **Illi huwa evidenti li meta deher biss l-attur fuq il-kuntratt, dan deher ukoll ghan-nom tal-intimata, dak iz-zmien l-gharusa tieghu**. Kif tajjeb inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence Lanzon v. Rozette Lanzon deciz fit-30 ta' Novembru 2007 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili** fejn f'dik il-kawza l-art li fuqha kienet inbniet id-dar konjugali kienet giet akkwistata mill-partijiet bis-sahha ta' applikazzjoni maghmula taht l-iskema ghall-gharajjes, liema applikazzjoni kienet giet iffirmata miz-zewg partijiet, u ghalhekk il-Qorti f'dak il-kaz waslet ghall-konkluzjoni li meta fuq il-kuntratt deher l-gharus huwa kien qed jidher ukoll **ghan-nom tal-gharusa tieghu**. Barra minn hekk dak iz-zmien il-policy tal-Awtorita` tad-Djar kienet li fuq il-kuntratt jitnizzel biss isem ta' min mill-gharajjes ghandu l-akbar introjtu.

Di piu' fil-kaz in ezami l-art fuq liema nbniet id-dar matrimonjali tal-kontendenti qatt ma setghet tigi akkwistata minn persona wahdiha ilghaliex setghet tigi akkwistata biss minn gharajjes jew mizzewgin. Illi din il-Qorti tikkondividi l-insjenjamenti tal-Qrati taghna fis-sentenzi su citati **u hija l-fehma konsiderata taghha illi l-fond in kwistjoni jappartjeni liz-zewg partijiet fi kwoti ugwali.**

Din il-Qorti rat ir-rapport tal-Perit Godwin Abela prezentat nhar il-15 ta' April 2024, fejn sostna illi l-valur tad-dar matrimonjali li kieku mibjugh fuq is-suq hieles fl-istat attwali tieghu u bl-izvilupp potenzjali tieghu bhala fond vakanti llum hu ta' seba' mija u hamsin elf Ewro (EUR

[10] *Vide inter alia*: Lanzon vs Lanzon deciza nhar it-20 ta' Novembru 2007 mill-Qorti tal-Appell, Mary Zarb pro et noe vs Eugenio Zarb fit-28 ta' April 2016; Lily Mallia vs Alfred Mallia deciza nhar is-27 ta' Ottubru 2011 (mhux appellata); Yvonne Borg vs Christopher Borg deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Gunju 2010; Suzanne Mifsud vs Edgar Mifsud deciza fl-20 ta' Ottubru 2020

750,000). Illi fic-cirkostanzi, din il-Qorti tqis illi jkun opportun li d-dar matrimonjali titpogga ghal bejgh fuq is-suq hieles b'dana illi r-rikavat ghandu jigi ugwalment diviz bejn il-partijiet. Illi din il-Qorti tordna illi f'kaz li d-dar matrimonjali ma tinbieghx fi zmien sena u nofs minn meta din id-decisjoni tigi res judicata, id-dar matrimonjali ghandha tinbiegh b'subbasta. Illi mill-imsemmi rikavat, din il-Qorti tordna illi oltre nofs ir-rekavat mil-bejgh tad-dar matrimonjali, l-intimata ghandha tiehu l-ammont ta' erbatax-il elf erba mija u disa u tletin Ewro tmienja u hamsin centezmu (Eur 14, 439.58), il-bilanc ta'sehem l-intimata mill-ammont ta' wiehed u hamsin elf mitejn u disa sebghin Ewro u sbatax il-centezmu (EUR 51, 279.17) percepiti mill-attur mal-irtirar tieghu, kif jirrizulta mid-dokument a fol 1372 u dana wara li l-intimata inghatat biss hdax-il elf u mitejn Ewro (**Eur 11,200).**

***Vetturi:***

Illi fir-rigard vetturi, din il-Qorti tordna illi kull parti ghandha zzomm il-vettura registrata f'isimha, b'dana illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalasisasi obbligazzjoni/hlasijiet/multi relattiva ghal-vettura rispettiva.

***Kontijiet Bankarji:***

Illi mill-provi in atti, jirrizulta illi l-partijiet kellhom sensiela ta' kontijiet li kienu qieghdin jinzammu f'isem binhom AA , bhala mekkanizmu ta' tfaddil ghall-imsemmi AA . Illi dawn l-kontijiet huma kontijiet mal-bank kummercjali HSBC Bank Malta plc, u hemm total ta' ghaxar (10) kontijiet; disa' (9) minnhom huma intestati f'isem l-attur, filwaqt li kont wiehed biss huwa kont kongunt f'isem il-partijiet. Illi mit-testimonjanzi in atti, jirrizulta illi fir-rigward tal-kont kongunt f'isem il-partijiet, l-ammont imgemma gie trasferit fuq iben il-partijiet AA , hekk kif AA kien ta' l-eta necessarja u dana kif jirrizulta mid-dokument a fol 1222. Illi pero jidher illi ma kienx hemm il-kunsens sabiex il-flus fid-disa' kontijiet l-ohra jinqelbu fuq l-istess AA , u dan minkejja li l-attur *viva voce* quddiem din il-Qorti ammetta illi dawn il-flus kienu destinati lill-imsemmi AA .

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti tissollecita lill-attur sabiex tali trasferiment isir u dan fl-ahjar interess ta' binhom.

Illi mid-dokumentazzjoni in atti, jirrizulta illi l-partijiet bejnithom ghandhom erba' kontijiet ohra; tnejn mal-APS Bank plc, u tnejn mal-HSBC Bank Malta plc. Illi dawn il-kontijiet bankarji

jappartjenu lill-komunjoni, u ghalhekk l-ammonti indikati ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet u jinghalqu.

Illi din il-Qorti tordna ukoll illi dawk il-kontijiet bankarji intestati f'isem parti, qieghdin jigu assenjati lil dik il-parti li f'isimha huwa intestati.

Illi mill-provi in atti irrizulta ukoll illi l-attur ghandu sensiela ta' investimenti fil-forma ta' erba' stocks tal-Gvern u dana kif jirrizulta mix-xhieda u d-dokumenti prodotti mir-rapprezentant tad-Dipartiment tat-Tezor:[11]

MT 0000012139 4.5% MGS 2028 (II) b'ammont ta' EUR 59,000
MT 0000012519 3% MGS 2040 (I) b'ammont ta' EUR 11,200
MT 4000010051 62+ MG Savings Bond Issue 2020 b'ammont ta' EUR 10,000
MT 4000010069 62+ MG Savings Bond Issue 2021 b'ammont ta' EUR 6,200

Illi din il-Qorti tosserva illi jidher li l-investimenti su indikati ghadhom irridu jilhqu l-maturita' taghhom. Illi fic-cirkostanzi, u gialadarba huwa evidenti li dawn l-investimenti saru fiz-zwieg, dawn jappartjenu lil komunjoni tal-akkwisti. Illi ghalhekk din il-Qorti tordna illi kwalasi dividends, profitti, returns etc minn dawn l-investimenti ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet. Illi din il-Qorti tordna in oltre illi l-ammont globali u finali percepit mal-maturita ta' dawn l-investimenti, jew kwalsiasi ammont li jigi percepiet qabel il-maturita' ta' dawn l-investimenti ghandu jigi ugwalment divizi bejn il-partijiet.

L-investimenti kongunti indikati fid-dokument mmarkat Doc MS3 *a fol 895-899*, ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Illi ghal kull buon fini din il-Qorti tordna illi l-investimenti indikati fid-dokument MSX 2 a *fol 964 et seqq* intestati fuq isem AA , jappartjenu lill-imsemmi AA .

***Dejn gravanti fuq il-komunjoni:***

Illi mit-testimonjanzi in atti, din il-Qorti rat illi iben il-partijiet MHA, kien ha hsieb jiffinanzja xi

[11] Vide dok MDP 1 a fol 1310 u dokumentui a fol 900 et seqq.

manutenzjoni u *upgrades* fid-dar matrimonjali tal-partijiet bi spiza ta’ circa EUR 43,000. Illi mix-xhieda tal-istess MHA u dik tal-intimata, gie dikjarat illi filwaqt li l-intimata rrifondiet EUR 25,000 minn din l-ispiza lill-binha mill-bejgh *premature* ta’ Stocks tal-Gvern intestat f’isem l-intimata biss u dana skond dak indikat fid-dokument a fol 1652 tal-atti. Illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, l-intimata tirrileva illi l-bilanc rimanenti huwa dejn li ghadu gravanti fuq il-komunjoni tal-akkwisti, liema bilanc ghandu jigi saldat unikament mill-attur, li baqa ma hallas xejn minn dawn ir-renovazzjonijiet li saru fi propjeta li huwa dejjem ivvanta li hija unikament tieghu.

Illi filwaqt li din il-Qorti tasenja tali bilanc tad-dejn fis-somma ta’ 18,000 Ewro (43,000 – 25,000 = 18,000), lill-attur.

Fil-mori tal-proceduri odjerni, din il-Qorti taghraf illi l-imsemmi wild il-partijiet AA , lahaq ghalaq tmintax (18)- il sena u ghalhekk illum huwa maggiorenni. Illi ghalhekk it-talba ghal kura u kustodja tal-imsemmi minuri llum ma ssibx applikazzjoni. Ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

***Manteniment ghal wild il-partijiet AA :***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***“Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta’ dan il-Kodici.”***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b’hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta’ min jitolbu u l-meżżi ta’ min għandu jagħtih.***

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.*

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

*...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).*

Fil-każ Portelli **Jennifer pro et noe vs Portelli John** (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

*".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."*

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

Illi wild il-partijiet AA ormai huwa maggiorenni, pero din il-Qorti rat illi skond dak indikat mill-partijiet, l-imsemmi AA ghadu qieghed jistudja. Illi din il-Qorti rat ukoll illi fl-atti tal-medjazzjoni bin-numru 166/2018 l-attur kien gie ordnat sabiex jivversa manteniment fl-ammont ta' EUR 250 kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-AA , oltre nofs l-ispejjes ghas-sahha u edukazzjoni. Illi l-intimata talbet illi sehem l-attur mill-ispejjes ghas-sahha u l-edukazzjoni ghandhom jigu pre-likwidati mal-manteniment u dan stante li l-atur qieghed jgharbel u jaghzel liema minn dawna l-ispejjes ma jhallasx. Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti tordna illi sehem l-attur mill-ispejjes ta'sahha u edukazzjoni ta' AA ghandhom ikunu pre-likwidati u tordna illi l-ammont ta' manteniment li ghandu jigi versat mill-attur ghall-bzonnijiet ta'AA , liema ammont jinkludi ukoll sehem l-attur mill-ispejjes ta'sahha u edukazzjoni ghandu jkun EUR 400 fix-xahar.

Illi din il-Qorti tordna illi dana l-ammont ghandu jinqata direttament minn kwalsiasi salarju, introjtu , pensjoni jew beneficcju li l-attur jista talvolta jkun qieghed jircievi l-attur u ghandu jigi versat direttament f' kont bankarju indikat mill-intimata. Illi dana l-ammont ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas saz-zmien impost mill-Ligi.

***Manteniment ghall-Attrici:***

Fir-rigward it-talba tal-intimata ghall-manteniment ghaliha, din il-Qorti tosserva illi l-intimata permezz tal-banka tal-lottu f'isimha dejjem hadmet u llum apparti l-banka tippercepixxi pensjoni ta' tmien mitt ewro (800) fix-xahar. Ghaldaqstant ma hemmx lok ghall-ghoti tal-manteniment.

***Talba ghall-Hall taz-Zwieg:***

Din il-Qorti tosserva illi l-attur talab ukoll il-hall taz-zwieg tieghu minn mal-intimata. Illi l-

intimata opponiet ghal din it-talba stante li l-elementi necessarji sabiex dan iz-zwieg jinhall ghadhom mhux realizzati. Illi din il-Qorti tosserva illi minkejja li l-attur ghamel tali talba, l-attur naqas milli jsegwi d-dettami tal-artiklu 66G. Illi di piu, din il-Qorti rat ukoll illi l-proceduri *de quo* skattaw permezz ta' ittra prezentata mill-intimata fejn intalbet biss is-separazzjoni personali u mhux il-hall taz-zwieg. Illi il-Ligi Sussidarja 12.20 tistipula illi f'sitwazzjoni fejn il-partijiet ma jkunux separati legalment, irrid isir rikors u mhux ittra.

Illi dan ma sarx fil-kaz odjern. Illi ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar talba tal-attur ghal hall taz-zwieg.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt illi tichad, l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-seba', it-tmien talba tal-attur, tilqa' limitatment il-hames talba tal-attur, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar talba tal-attur, u tilqa' l-ewwel, it-tielet, il-hames u s-sitt talba tal-intimata hekk kif dedotti fil-kontro-talba taghha, tilqa' limitatament it-tieni talba, u tastjeni li tiehu konjizzjoni mir-raba talba hekk kif dedotta fil-kontro-talba tal-intimata, taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attur; u tawtorizza lill-intimata sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizza taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut;**

2. **Tiddikjara illi l-attur ddekada mid-dritt li jippercepixxi manteniment minn martu;**

3. **Tordna u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod:**

    i. **Tordna illi d-dar matrimonjali ghandha titqieghed ghal bejgh fuq is-suq hieles. F'kas li wara sena u nofs id-dar matrimonjali ma tinbieghx, il-Qorti tordna li d-dar matrimonjali tinbiegh bis-subbasta. Illi r-rikavat, ghandu jigi diviz bejn il-partijiet f'sehem ugwali. Il-Qorti tordna li minn sehem l-attur, l-intimata ghandha tiehu l-ammont ta' erbatax il-elf, erba' mija disa' u tletin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (Eur 14,**

**439.58), rappresentanti l-bilanc ta' sehem l-intimata mill-ammont ta' wiehed u hamsin elf mitejn u disa u sebghin Ewro u sbatax-il centezmu (EUR 51, 279.17) percepiti mill-attur mal-irtirar tieghu, kif jirrizulta mid-dokument a fol 1372 u dana stante li l-intimata inghatat biss hdax-il elf u mitejn Ewro (Eur 11,200).**

ii. **Tiddikjara illi d-dejn dovut lill-iben il-partijiet MHA rapprezentanti hlas ta' renovazzjonijiet fid-dar matrimonjali qed jigi assenjat lill-attur wahdu.**

iii. **Tordna illi l-ammonti depozitati fil-kontijiet bankarji kongunti f'isem il-partijiet mal-APS Bank u mal-HSBC Bank Malta plc ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet u jinghalqu.**

iv. **Illi din il-Qorti tordna ukoll illi dawk il-kontijiet bankarji intestati f'isem parti, jigu assenjati lil dik il-parti li f'isimha huma intestati.**

v. **Tordna illi kwalsiasi dividends, profitti, returns etc mis-segwenti investimenti: erba' (4) stocks tal-gvern bin-numru SE 982,1813; stock ta' 4.5% Malta Government Stock 2028 number 2, b'principal amount ta' EUR 59,000; stock iehor ta' 3% MGS 2040 (1) li fih principal amount ta' EUR 11,200; zewg (2) bonds tas-62+, issue 2020, u li fih principal amount ta' EUR 10,000 u issue 2021 bi principal ta' EUR 6,200. (Vide dok MDP 1 a fol 1310)ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet. Illi ukoll din il-Qorti tordna illi l-ammont globali u finali percepit mal-maturita ta' dawn l-investimenti, jew kwalsiasi ammont li jigi percepiet qabel il-maturita' ta' dawn l-investimenti ghandu jigi ugwalment diviz bejn il-partijiet.**

vi. **Fl-eventwalita' li l-investimenti konguntі indikati fid-dokument mmarkat Doc MS3 *a fol 895-899,* dawn ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet;**

vii. **Tordna illi kull parti ghandha zzomm il-vettura registrata f'isimha, b'dana illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalasisasi obbligazzjoni/dejn/multi relattivi ghal-vettura rispettiva;**

4. **Tordna illi jigu applikati tkontra l-attur *in toto* l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-attur mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**

5. **Tordna illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li lilha jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lill-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom u dana fi zmien tlett gimghat mid-data li din is-sentenza issir *res judicata.***

6. **Tordna illi l-ammont ta' manteniment li ghandu jigi versat mill-attur ghall-bzonnijiet ta' AA , liema ammont jinkludi ukoll sehem l-attur mill-ispejjes ta'sahha u edukazzjoni ghandu jkun erba mitt Ewro (EUR 400) fix-xahar. Tordna illi dana l-ammont ghandu jinqata direttament minn kwalsiasi salarju, introjtu, pensjoni u/jew beneficcju li l-attur jista talvolta jkun qieghed jircievi l-attur u ghandu jigi versat direttament f' kont bankarju indikat mill-intimata. Illi dana l-ammont ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas saz-zmien impost mill-Ligi. L-attur qed jigi ordnat ihallas l-arretrati tal-manteniment fis-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (250) fix-xahar ghal AA ' dovuti skont id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta mid-data tat-3 ta' Lulju 2018 sad-data ta' din is-sentenza.**

7. **Tichad it-talba tal-intimata ghall-manteniment, in vista tal-fatt illi hija ghandha d-dhul separat taghha;**

8. **Il-Qorti tinnomina lin-Nutar Dr Liza Schembri bhala Nutar biex jippubblika l-att relattiv u Kuratur Deputat lil Dr Stefano Filletti sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;**

**9. Tawtorizza lill-partijiet jirregistraw din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**Bl-ispejjes inkluz dawk tal-Medjazzjoni ikunu a karigu tal-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**